**l-aċċent**

Ħarġa nru 8
Novembru 2012

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

- Numri li jgħoddu u li ma jgħoddux 2
- Bil-Kelma t-Tajba 6
- Il-varjanti fil-Malti: Rikkezza lingwistika jew inkonsistenza ortografika? 6

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija**

- In-nazzjonalità taċ-ċittadin u ċ-ċittadinanza ta....-....? 9
- *Income* u *Revenue* 14

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra**

- It-traduzzjoni fil-Kumitat tar-Reġjuni u fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew 17
- L-esperjenza ta' żewġ *stagiaires* mad-Dipartiment Malti tad-DĠT 18
- Il-ponot f'wiċċ il-Malti 19
- Bilingwiżmu u *code-switching* fost it-tfal Maltin fil-Lussemburgu 22
- Żieda fil-varjetà tal-*Kullana Kulturali* bil-volum *Il-Varjetajiet tal-Malti* 24
- Immanuel Mifsud intervistat fil-Fiera tal-Kotba tal-Lussemburgu 25
- Oliver Friggieri t-traduttur 27

*In-numru tmienja għal qalbi. Simmetriku, tond u għad-dritt fl-istess nifs, qisu arloġġ tar-ramel. Il-bord taċ-ċess, logħba li m'għadnix nilgħab daqskemm nixtieq, twil u wiesa' tmien kaxex. Imbagħad hemm it-tentakli tal-qarnit, fost il-platti favoriti tiegħi, speċjalment kif kienet issajru n-nanna. U kif nista' ma niftakarnix, ta' xi tmien snin meta kont ngħix magħha, inbill l-ottijiet fit-te bil-lumi fil-ħemda tal-kċina, fi sqaq tal-Qrendi ormaj mitluq.*

*Terġa', it-tmienja kien in-numru tagħha. Nannti twieldet it-8 ta' Ottubru, kellha tmint itfal, u forsi ma kinitx kumbinazzjoni li, meta telqitna biex reġgħet iżżewġet lin-nannu taħt l-art, kienet għadha kif laħqet l-ottanta.*



*L-analemma tax-xemx ukoll turi sura ta' tmienja: jekk tindika b'tikka l-pożizzjoni tax-xemx fis-sema fl-istess ħin kuljum, u wara sena kalendarja tgħaqqad it-tikek, tħożż forma ta' 8 tawwali. Bħalma ssib kultant fuq il-globi, qisu ħabel jitmewweġ f'nofs il-Paċifiku.*

*Fil-kultura Ċiniża, it-tmienja numru li jġib ix-xorti, għaliex qrib ħafna tal-kelma* 八 *(bā), li tfisser "tistagħna". Tant hu hekk li, fiċ-Ċina, jgħidu li dar li jkollha n-numru 8 tinbiegħ ogħla minn djar oħrajn fl-istess triq. Fl-Olimpjadi ta' Beijing, iċ-ċerimonja tal-ftuħ bdiet tmien minuti u tmien sekondi wara t-8 ta' filgħaxija, it-8 ta' Awwissu 2008.*

*B'din it-tmien ħarġa,* l-aċċent *jagħlaq sentejn, u jalla t-8 jġibilna x-xorti wkoll. Biex inkunu iktar preċiżi,* l-aċċent *ilu joħroġ sentejn u fuqhom, għax minħabba impenji oħra kellna naqbżu tliet staġuni. Iżda ma ġejniex ottu. Il-kontributi baqgħu deħlin, id-diskussjonijiet baqgħu għaddejjin, il-ħidma ma waqfitx.*

*In-numri fil-Malti, jew aħjar, l-użu prattiku tagħhom, sfaw suġġett ewlieni ta' din il-ħarġa, b'artiklu u sondaġġ niggieża ta' Kenneth Camilleri dwar* ***in-numri Maltin Anglosassoni****. Fost il-kontributi l-oħra, li waslulna minn diversi istituzzjonijiet tal-UE u anki minn Malta, nagħtu ħarsa lejn il-kwistjoni tal-****varjanti ortografiċi****; id-distinzjoni sottili bejn il-kunċetti taċ-****ċittadinanza*** *u tan-****nazzjonalità****, bi proposta siewja tat-terminu* **nazzjonal** *bħala nom; il-ħidma tat-tradutturi*

*Maltin mal-**KESE** u l-**Kumitat tar-Reġjuni** fi Brussell; l-esperjenza ta' żewġ* stagiaires *li qattgħu ħames xhur ta'* ***apprendistat*** *fid-dipartiment tal-Malti tad-DĠT; u r-rwol ftit li xejn magħruf tal-Prof.* ***Oliver Friggieri*** *bħala traduttur letterarju. Fis-Suppliment terminoloġiku, Mark Vella jispjega l-isfidi li ltaqa' magħhom meta ġie biex jaqleb glossarju twil b'ismijiet ta' annimali li jinsabu f'periklu ta' estinzjoni, u joffri kampjun kurjuż minn dawn it-**termini żooloġiċi** b'eżempji tal-mekkaniżmi li ħaddem biex wasal għall-ismijiet korrispondenti, eżotiċi u mhux, bil-Malti.*

*F'idejkom, immela, it-tmien ħarġa ta'* l-aċċent*, biex għajnejkom ikomplu jduru ottijiet mal-varjetà mżewqa ta' artikli li lqajna b'idejna miftuħa.*

*Hemm raġuni oħra għala jogħġobni n-numru 8. Semmejt l-arloġġ tar-ramel. Wara li taqa' l-aħħar farka ramel, timbuttah 'l isfel bil-ħlewwa, u jsirlek l-infinit...*

Antoine Cassar *f'isem il-bord editorjali*

---

## BIR-REQQA

***Il-lingwa miktuba u mitħaddta***

---

**Numri li jgħoddu u li ma jgħoddux**

Kenneth Camilleri (stħarriġ minn James Camilleri)

*"X'karozza taqbad filgħodu?" "L-eighteen u xi kultant it-twenty-five."*

*"F'liema kamra qiegħed?" "Fit-three-oh-four."*

*"Min iċempel fl-ewwel għaxar minuti fuq in-numru two-one-four-eight-seven-two-oh-six jirbaħ..."*

*"Kemm hu dan?" "Eighty cents."*

*"Id-data tat-twelid, please?" "It-tmienja ta' April nineteen seventy-six."*

*"F'liema snin konna flimkien l-iskola?" "Fil-forms one u two."*

Dawn huma espressjonijiet ferm familjari ta' kuljum li lkoll għandhom element komuni: kollha b'xi mod jinvolvu n-numri. Minkejja kull sforz mill-"pulizija lingwistika" favur l-użu tan-numri Semitiċi, il-Malti, f'ċerti kuntesti komuni, donnu jħossu aktar naturali li juża n-numri Anglosassoni. Iżda mhux dejjem. U mhux bilfors minn kulħadd. Dan hu li se nistħarrġu hawnhekk: huwa minnu li fil-Malti hemm sistema ta' numri waħda, jew tabilħaqq żewġ sistemi (jew aktar) li jintużaw għal għanijiet speċifiċi differenti?

In-numri għandhom żewġ rwoli fil-lingwa – dak ta' mezz ta' għadd jew għodda aritmetika, u dak informattiv bħan-numri tat-telefown jew tax-xarabank.

Dawn tal-aħħar mhumiex hemm biex jgħinuna ngħoddu kemm, ngħidu aħna, hemm numri tat-telefown fid-direttorju sakemm jasal tiegħek, imma sempliċiment biex jagħtu "tikketta" lil kull linja speċifika tat-telefown. Jiġifieri ċerti oġġetti u kunċetti – għax hemm bosta minnhom u allura m'għandniex biżżejjed ismijiet għalihom, u għax ġieli jaf ikun meħtieġ sens ta' sekwenza (bħan-numri tal-kmamar f'lukanda) – flok isem nagħtuhom numru.

Meta nosservaw in-numri fil-Malti, din id-distinzjoni tidher li għandha ċerta influwenza fuq l-għażla tas-sistema tan-numri użata mill-maġġoranza tal-kelliema nattivi.

Jidher li hemm xejra li meta n-numri jintużaw f'sens kumulattiv, jiġifieri biex ngħoddu bihom, inlissnuhom bil-Malti Semitiku (eż. ħames liri, żewġ lapsijiet, erba' snin). Hemm eċċezzjoni għal dan, peress li wieħed normalment jaqleb għall-Anglosassonu meta l-kelma ta' magħhom tingħad bl-Ingliż (eż. *five*

*euros*, *ten cents*, *il-5th level*, *is-Sixth Form*, u xi ġawhar kurjużi oħra fuq din il-vena bħal meta tisma' lil xi ħadd jgħid: "iġborli l-wansenzijat u t-tusenzijat għalihom").

Mill-banda l-oħra, meta n-numri jintużaw f'sens informattiv – jew, kif sejjaħnielhom qabel, 'ta' tikketta' – jiġifieri bla ebda referenza diretta għall-għadd, kważi dejjem jitlissnu bl-Ingliż, bħal fil-każijiet tipiċi f'ras dan l-artiklu.

Xi jwassal għal dan il-fenomenu interessanti? Għaliex sistema waħda mhix biżżejjed? L-użu tan-numri Anglosassoni fil-Malti ma jidhirx li jista' jaqa' taħt l-ispjega ta' code-switching għax wieħed jista' jinnota li anki persuni monolingwi, li jitkellmu biss bil-Malti, xorta spiss jaqilbu għan-numri Anglosassoni. Allura dan il-fenomenu fejn se npoġġuh? Nistgħu nqisuh bħala parti integrali tal-Malti?

Jista' jkun li, fil-Malti, l-użu estensiv innifsu tan-numri f'sens informattiv (hawnhekk mhux qed nirreferi għal kif inlissnuhom imma għall-fatt innifsu li n-numri jintużaw b'dan il-mod u għal dan il-għan) huwa żvilupp separat li ssawwar taħt il-kappa tal-influwenza tal-Ingliż u ma feġġx bħala estensjoni naturali tas-sistema numerika li diġà kienet hemm, u li tintuża għall-għadd. Jiġifieri din is-sistema li n-numri jintużaw għal funzjoni deskrittiva tista' titqies bħala invenzjoni jew idea ġdida li ddaħħlet mal-milja taż-żmien biex tissodisfa bżonnijiet u realtajiet ġodda li nqalgħu fl-imgħoddi u li, bħall-ispagetti, il-kitla u l-kompjuter, waslet diġà ppakkjata u ttikkettata bil-lest. F'dan il-każ, il-'prodott', għalkemm mhux wieħed fiżiku, xorta wasal b'ismu u b'isem il-komponenti tiegħu miegħu.

Jekk immorru aktar lura fiż-żmien, qabel ma bdew it-telefown, ix-xarabanks, l-akkomodazzjoni f'lukandi kbar, il-pjanċi tal-karozzi, u l-affarijiet l-oħrajn 'tas-seklu għoxrin' jew 'ta' żmien l-Ingliżi' li jitolbu l-użu estensiv tan-numri informattivi bil-Malti Anglosassonu, insibu li diġà kellna fostna t-tombla, il-lottu u l-votazzjonijiet li kienu jinvolvu sistemi li jużaw in-numri mhux f'sens ta' għadd. U hemmhekk ukoll, in-numri użati ma ssawrux daqstant bħala projettazzjoni tan-numri tal-għadd ġa eżistenti, imma nħadmu fuq il-mudell Rumanz (unu/unijiet, il-prima, duwi, tri, kwattru, ċinku, ċinkwina, novi/nuvi, l-idjomi u l-qwiel li għadhom fostna bħal "ġejna ottu", "ilħaqt in-nuvi", "mal-kwaranta jibda jittanta", u l-bqija). Hekk allura, għal darb'oħra, l-ittra kienet waslet bil-bolla u t-timbru!

Dan ma jiġrix biss fil-Malti, imma anki f'lingwi oħrajn fejn lingwa assimilat sistema numerika sħiħa minn lingwa oħra. Pereżempju, fi studju[1] li sar fost il-kelliema tax-Xona (lingwa mdaqqsa mitkellma f'għadd ta' pajjiżi tax-Xlokk tal-Afrika, l-aktar fiż-Żimbabwe), instab li nofs dawk mistoqsija kemm għandhom tfal irrispondew, pereżempju, "*Ndine vana six*" ("Għandi sitt itfal"), jiġifieri n-numru nnifsu tawh bil-forma Ingliża u mhux b'dik Xona, anki jekk kienu kelliema monolingwi li ma jafux jitkellmu bl-Ingliż. Meta d-domandi nfirxu lejn oqsma aktar "moderni" li jinvolvu l-użu tan-numri deskrittivi, bħal kif jiġu espressi ż-żmien, il-flus jew il-grad fl-iskola, l-użu tan-numri bl-Ingliż (jew "Xona Anglosassona"?) tela' bil-qawwi għal 87 %.

Madankollu, minkejja l-użu sproporzjonatament għoli tagħhom, dawn in-numri xorta ma ddaħħlux fid-dizzjunarju l-aktar rispettat tax-Xona[2] u jitqiesu mil-lingwisti Xona bħala korruzzjoni lingwistika[3] avolja l-kelliema tal-lingwa, fir-realtà soċjali tagħhom, ma jimpurtahomx wisq minn dan u jkomplu jitkellmu kif l-aktar iħossuhom komdi.

Huwa sewwasew kif jikteb Braj B. Kachru f'*The Spread of English and Sacred Linguistic Cows*[4], li l-identitajiet multipli miksuba mill-Ingliż f'lingwi oħrajn huma "il-waħx tal-puristi u tal-għalliema u l-barka għal min togħġbu l-varjetà".

Dan għandna mera tiegħu wkoll fil-Malti u fis-sitwazzjoni li qed niddiskutu hawn. Għandna quddiemna xenarju reali, li qajla hemm ħjiel li għad jiġi aċċettat mill-istabbiliment lingwistiku uffiċjali, imma li l-kelliema nattivi tal-lingwa diġà għamluh tagħhom għax sabuh utli u prattiku.

Minbarra l-idea prattika tan-numri bħala 'tikketta', in-numri Anglosassoni fil-Malti jaqduna aħjar f'sekwenzi numeriċi twal minħabba li huma aktar konċiżi. Jekk nieħdu ċ-ċifri bażiċi li spiss jintużaw fin-numri maħlula (bħan-numri tat-telefown), għajr għal *zero* (li mill-Maltin spiss huwa ppronunzjat /oʊ/ aktar milli *zero*, *nought* jew *nil*) u *seven*, il-kumplament huma kollha b'sillaba waħda. Iċ-ċifri bażiċi Semitiċi kollha ħlief tnejn, jissawru minn żewġ sillabi kull waħda, biex b'hekk numru ġa twil jittawwal ferm aktar. Is-sistema numerika tal-Malti inġenerali tinsab fl-24 post fi klassifika tal-kumplessità tas-sistemi numeriċi dinjija[5]. In-numri Ingliżi huma meqjusa bħala aktar sempliċi u ġew fil-41 post.

Biex ma nkunux qed nitkellmu fil-baħħ, għamilna esperiment żgħir fostna li permezz tiegħu membru tas-segretarjat talab lit-tradutturi kollha fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea li kienu disponibbli jikkonfermawlu ċerti dettalji amministrattivi personali li kienu jinvolvu n-numri. L-idea kienet li, fl-għama tal-eżerċizzju, naraw x'risposti jingħataw bla ma dak li jkun ikun jaf ir-raġuni vera għaliex qed jiġi mistoqsi, ħalli t-tweġibiet ifeġġu b'mod naturali u spontanju.

L-esperiment ma jistax jitqies bħala studju xjentifiku – għalkemm wieħed jittama li għad iwassal għal dan – minħabba li l-kampjun ma kienx magħmul minn feles awtentiku tal-popolazzjoni Maltija, iżda kollu kemm hu minn lingwisti li jaħdmu bil-lingwa Maltija ta' kuljum u li allura huma aktar konxji tal-użu "korrett" tal-Malti. Madankollu, xorta waħda, it-tendenza aktarx li hija mera tal-mod kif jitkellmu l-Maltin b'mod ġenerali. Ir-riżultati kienu kif ġej fit-tabella ta' hawn taħt.

It-tendenza li n-numri informattivi (mistoqsijiet 1, 2 u 4) jintużaw kważi esklużivament bil-Malti Anglosassonu dehret b'mod ċar ħafna, għalkemm kien hemm perċentwal żgħir ta' 17 % li s-snin (mistoqsija 4) lissinhom bil-Malti Semitiku. Mill-banda l-oħra, in-numri bħala strument tal-għadd (mistoqsija 3), ingħataw b'mod qawwi (91 %) bil-Malti Semitiku.

Jekk in-numri Anglosassoni jitqiesu b'mod uffiċjali bħala Maltin veri u proprji (pereżempju jiddaħħlu fid-dizzjunarji), tqum imbagħad il-kwistjoni tal-ortografija, peress li hawnhekk qed nitkellmu fuq xi ħaġa li ġa ndrat f'forma Ingliża li mbagħad aktarx tidher viżibbilment disturbanti jekk titlibbes ir-regoli ortografiċi tal-Malti, anke jekk fil-kitba ta' kuljum aktarx li n-numri jinkitbu f'ċifri u mhux bl-ittri. Minbarra l-pekuljaritajiet tar-

| Mistoqsija | Nru ta' parteċipanti | Wieġbu bin-numri Semitiċi | Wieġbu bin-numri Anglosassoni |
|---|---|---|---|
| **1) Tista' j.j. tikkonfermali n-numru tat-telefown tal-uffiċċju tiegħek? (eż. 78349)** | 35 | 0 | 35 |
| **2) ... u n-numru tal-bieb tal-uffiċċju? (eż. A2-55)** | 35 | 0 | 35 |
| **3) Kemm ilek taħdem mad-DĠT? (eż. 5 snin)** | 35 | 32 | 3 |
| **4) ... jiġifieri dħalt fis-sena...? (eż. fl-2007)** | 35 | 6 | 29 |

regoli tal-ortografija Maltija, ikollha tingħata attenzjoni wkoll lill-fatt li xi wħud min-numri ppronunzjati bil-Malti Anglosassonu huma pjuttost differenti minn kif inhuma ppronunzjati bl-Ingliż, kif jidher fit-tabella ta' paragun t'hawn taħt:

| Ingliż | [wʌn] | [tuː] | [θriː] | [fɔː] | [fʌɪv] | [sɪks] | [sɛvən] | [eɪt] | [nʌɪn] | [tɛn] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Malti | [wan] | [tʊ] | [trɪ] | [fɔr] | [faɪf] | [sɪks] | [sevɪn] | [eɪt] | [naɪn] | [ten] |

Fost lingwi u kreoli minn madwar id-dinja li n-numri użati minnhom insiltu mill-Ingliż u li, b'differenza għax-Xona u l-Malti, diġà għamlu l-qabża u draw jiktbuhom kif iħossuhom u skont l-ortografija tagħhom insibu:

- il-Bislama, waħda mil-lingwi ta' Vanwatu (ziro, wan, tu, tri, fo, faev, siks, seven, eit, naen, ten);
- is-Solomoniż, il-lingwa tal-Gżejjer Solomon (siro, wan, tu, tri, foa, faev, sikis, seven, eit, naen, ten);
- it-Tok Pisin, li hija l-akbar lingwa f'Papua New Guinea (siro, wan, tu, tri, foa, faiv, sikis, seven, et, nain, ten);
- il-Krijo, il-lingwa ewlenija ta' Sjerra Leone (ziro, wan, tu, tri, fo, fayv, siks, sɛvin, et, nayn, tɛn);
- il-Pitkern u n-Norfuk, żewġ lingwi żgħar ħafna kważi l-istess mitkellma fil-gżejjer Pitcairn u Norfolk rispettivament (siro *jew* sero, wan, tuu, thrii, foor, fiiw, siks *jew* seks, sewen, iet, niin, ten).

Avolja forsi hawn min, bħal-lingwisti u l-lessikografi Xoniżi, jara n-numri Anglosassoni bħala infiltrazzjoni żejda u bla bżonn f'lingwa li diġà kellha espressjonijiet numeriċi alternattivi aktar antiki, wieħed ma jistax jinjora l-fatt li kull lingwa hija mera ħajja ta' ġrajjet ġensha u mhux ritratt ta' xi perjodu partikolari - u din il-mera, minbarra t-tessut lokali, tirrifletti wkoll, u bil-kbir, il-kuntatti storiċi u prattiċi ma' ġnus u lingwi oħrajn tul is-sekli mgħoddija, dawk imbiegħda u dawk mhux daqstant. Anki fejn jidħlu n-numri, għal darb'oħra, Malta hija gżira, iżda l-Malti mhuwiex.

*Kenneth Camilleri huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*



Disinn ta' Ramon Corrado

**REFERENZI:**

1. Bernsten, Jan (1990) *The integration of English loans in Shona: social correlates and linguistic consequences*. Teżi Dottorali. East Lansing Michigan: Michigan State University.
2. Hannan, M. (1974) *Standard Shona Dictionary*, it-2 edizzjoni, Harare: College Press.
3. Mkanganwi, K. (1988) kif ikkwotat f'*English and Shona in Zimbabwe*. Minn *World Englishes* Vol.13, Nru 3, pp. 411-418, ta' Bernsten, J. Ippubblikat minn Basil Blackwell, 1994.
4. Kachru, Braj B. (1988) *The Spread of English and Sacred Linguistic Cows*. Minn *Language Spread and Language Policy: Issues, Implications and Case Studies*. Editjat minn Peter Lowenberg. Washington DC: Georgetown University Press, pp. 207-228.
5. *Numbering systems of the world* http://www.sf.airnet.ne.jp/~ts/language/number.html

**Bil-Kelma t-Tajba**
Manwel Mifsud

**Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

**MISTOQSIJA**: Għaliex l-istess kelma (bħal **ħsieb** jew **ried**) ġieli nsibha miktuba bl-**ie** u ġieli mingħajrha? Dan ikun żball, jew tista' tiktibha kif trid?

**TWEĠIBA**: Kelma tista' tinkiteb bl-**ie** f'ċerti każi u mingħajrha f'każi oħra għax tkun inbidlitilha s-sitwazzjoni u tkun ġiet f'ambjent differenti (eż. **ħsieb** — **ħsibijiet**; **ried**, **riedet** — **ridt**, **riduni**, **ma riditx**). Imma fil-kitba kollox huwa rregolat minn ċirkustanzi ċari u rraġunati.

**SPJEGA**: ħalli nfissru xi rqaqat fuq l-**ie**:

- Fil-Malti għandna l-vokali **ie**, li hija meqjusa vokali waħda għad li magħmula minn żewġ sinjali. Għalkemm illum fil-Malti Standard aktarx inlissnuha bħala **i** twila, bqajna niktbuha **ie** kif kienet tinstema' fl-imgħoddi u kif għadha tinstema' minn xi wħud jew f'xi djaletti.
- Jidher li din il-vokali tagħna żviluppat mill-vokali **a** twila tal-Għarbi, għax ħafna kliem Malti li għandu l-**ie**, fl-Għarbi nsibuh bl-**a** twila (eż. Għ. **salâm**, **kitâb**, M. **sliem**, **ktieb**). Anke fil-Malti stess, l-**a** twila u l-**ie** ġieli jkunu varjanti ta' xulxin, tuża liem trid (eż. **tuffiħat / tuffiħiet**, **ġab / ġieb**).
- L-**ie** hija vokali twila, u jiġrilha sewwasew kulma jiġri lill-vokali t-twal l-oħra, imma fil-kitba hi biss tibdel suritha u tidher issa twila **ie** u issa mqassra **i** jew **e**.

Innota mela li:

- Meta, fil-konjugazzjoni tal-verb, l-**ie** jkollha 2 konsonanti warajha, tinstema' maħtufa (i.e. ma tibqax twila) u allura tinkiteb **i** qasira jew **e** qasira (eż. **huwa ried / jiena ridt**, **aħna ridna**).
- Bħala vokali twila, l-aċċent tal-kelma dejjem fuqha jaqa'.
- Meta l-aċċent jiċċaqlaq minn fuqha u jimxi lejn tarf il-kelma, ma tistax tibqa' twila u allura ssir **i** qasira jew **e** qasira (eż. **missier** > **missir-ijiet**, **ħsieb** > **ħsib-ijiet**, **ħiereġ** > **ħerġ-in**, **riedu** > **ridu-ni**, **bierek** > **berik-na**, **mietet** > **mitit-li**). Dan iċ-ċaqliq tal-aċċent lura jista' jiġri iktar minn darba fl-iżvilupp ta' kelma, u kull darba l-**ie** titlef it-tul u terġa' tinħataf u tiqsar (eż. **nieda** > **ned-iet** > **nedit-ilhom**).
- Mela nistgħu ngħidu li, billi l-kelma jkollha dejjem aċċent wieħed, ma jistax ikollok żewġ **ie** f'kelma waħda; f'dawn il-każi l-aċċent tirbħu dik l-**ie** li tkun l-eqreb lejn tarf il-kelma, u l-oħra tinħataf u tiqsar.

*Ħajr lill-Prof. Mifsud, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li jagħtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet*

~ • ~

**Il-varjanti fil-Malti: Rikkezza lingwistika jew inkonsistenza ortografika[1]?**
Joseph Izzo-Clarke

**1. Introduzzjoni**

Ħafna drabi, fil-Malti, mhux qed issir id-distinzjoni bejn il-kunċett ta' rikkezza lingwistika, minn naħa, u l-kunċett ta' inkonsistenza ortografika, min-naħa l-oħra. Hemm bżonn li din id-distinzjoni ssir. Il-fatt li jeżistu s-sinonimi (eż. *imgħax* u *interessi*, *lingwa* u *lsien*, *iżda* u *però*) huwa każ ta' rikkezza lingwistika. Il-fatt li l-kelma *proprjetà* ssibha wkoll *propjetà* huwa każ ta' varjant li jirriżulta minn inkonsistenza fil-kitba. Fil-parti

[1] Dan l-artiklu huwa sunt qasir ta' artiklu mogħti lill-Kunsill tal-Ilsien Malti dwar is-suġġett tal-varjanti. Nirringrazzja lil kull min għeni, b'mod partikolari lil Silvana Izzo Clarke u lil Dott. Matthew Micallef-Calvagna.

l-kbira tal-każijiet, il-varjanti ma għandhomx jiġu aċċettati[2].

**2. Ir-riċerka u l-kriterji tagħha**

Saret riċerka minni għal dan il-għan sabiex jiġu identifikati numru ta' tipi ta' varjanti. Ittieħdu 80 kelma Maltija li jippreżentaw varjant wieħed jew iktar. Dawn jinkludu kliem li huwa parti mil-lingwaġġ uffiċjali (eż. intervenjent), imma wkoll kliem ta' użu komuni (eż. *anki*). Saret tiftixa tal-varjanti fi tliet dominji fl-internet: ġenerali, siti uffiċjali tal-gvern Malti (.gov.mt), u siti uffiċjali tal-UE (.europa.eu).

**3. Il-varjanti**

3.1 Numru ta' varjanti fil-lista annessa jirrigwardaw l-użu tal-forom ġj/ġ, ċj/ċ, zj/z. Eżempju tipiku huwa l-varjant 'sodisfaċjenti / sodisfaċenti'. Prattikament, il-kliem kollu li jaqa' taħt din il-kategorija joriġina mit-Taljan.

3.2 Numru ta' varjanti oħra jirrigwardaw l-aġġettivi (eż. kunsidrat / ikkunsidrat) li jinsiltu minn verbi ta' oriġini Rumanza / Anglosassona.

3.3 Klassi oħra ta' varjanti hija l-konverżjoni tal-vokali fil-kliem derivat mir-Rumanz / Anglosassonu. Hemm tliet tipi ta' konverżjonijiet prinċipali: il-bidla "o/u" (eż. soġġett / suġġett), il-bidla "a/e" (eż. reċentement / reċentament jew riċentement / riċentament), u l-bidla "i/e" (eż. implementa / implimenta).

3.4 Tip ieħor ta' varjant li jirriżulta direttament mill-punt ta' qabel jirrigwarda l-każ ta' korruzzjoni fl-istruttura taz-zokk morfemiku (eż. *ostaklu / ostakolu, benessri /* benesseri, impenni / impenji, disinni / disinji, aċtu / aċidu).

3.5 Tip ta' varjant li huwa sors potenzjali ta' konfużjoni huwa ċertament il-plural ta' ċertu kliem li ġej mir-Rumanz / Anglosassonu (eż. kompjuters / kompjuterijiet, mediċi / mediki).

3.6 Hemm dipendenza kbira fuq il-forma mitkellma (eż. vjaġġi / vjeġġi), u dan iwassal għal ħafna iktar varjanti, peress li ma jkunx hemm standard wieħed ta' kelma mitkellma.

3.7 Varjant ieħor li spiss jinsab fil-kitba huwa dak li jirrigwarda s-suffiss "abbiltà / abilità".

3.8 Hemm ukoll tipi ta' varjanti li joriġinaw min-nuqqas ta' preċiżjoni fil-kitba, min-nuqqas ta' prattika fil-kitba tal-Malti, mill-influwenza ta' lingwa barranija waħda jew iktar, jew minn injoranza kemm tal-ortografija bil-Malti jew tal-oriġini Anglosassona jew Rumanza tal-kelma.

**4. Xi ftit ħsibijiet (mhux biss) fuq il-varjanti**

4.1 Hemm ħafna iktar varjanti minn dawn. Dawk indikati juru numru ta' nuqqasijiet, fosthom:

- regoli ortografiċi mhux ċari u mhux konsistenti, u kultant lakunużi;
- nuqqas ta' prattika fil-kitba u fil-qari tal-Malti mill-Maltin, u nuqqas ta' dixxiplina u preċiżjoni mill-Maltin kollha, kemm fil-qari kif ukoll fil-kitba;
- influwenza sproporzjonata u mhux ġustifikata tal-lingwi barranin f'moħħ il-Malti;
- terminoloġija mhux aġġornata bi preċiżjoni (nuqqas ta' dizzjunarji u għodod simili);
- sistema edukattiva li, fost affarijiet oħrajn, ma tagħtix importanza lill-konsistenza u l-preċiżjoni fil-kitba, inkluża dik tal-Malti, u lanqas lill-Malti bħala lingwa;
- nuqqas ta' konvinzjoni f'politika speċifika favur l-ilsien Malti;

[2] Teżisti analoġija interessanti mal-użu tal-kliem li joriġina mill-kliem barrani. Il-problema tal-varjanti, bħall-kliem barrani, mhijiex tant il-fatt li dawn jeżistu fihom infushom, għaliex effettivament jinsabu fil-lingwi kollha, iżda l-fatt li hemm preżenza eċċessiva tagħhom fil-lingwa Maltija.

- mezzi ta' komunikazzjoni ta' kwalità ħażina fil-kitba.

4.2 L-ewwel konklużjoni li għandha ssir hija li l-volum ta' kitba bil-Malti fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huwa rilevanti, u jaqbeż sew il-produzzjoni annwali ta' dokumenti uffiċjali bil-Malti f'Malta.

4.3 Xi wħud mill-varjanti qegħdin jiġu ġġenerati mill-Malti li jinkiteb fl-istituzzjonijiet (eż. il-varjant **enfasizza**).

4.4 Hemm bżonn ta' iktar kooperazzjoni mhux biss bejn il-Maltin "tal-istituzzjonijiet" u dawk "ta' Malta", imma wkoll bejn il-Maltin stess f'Malta.

4.5 L-ilsien Malti għandu jadegwa ruħu mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżviluppi lingwistiċi, imma wkoll f'dak li jirrigwarda l-iżviluppi informatiċi u teknoloġiċi. Karatteristika tal-informatika hija l-preċiżjoni. Il-mod kif il-Malti jinkiteb imur kontrieha.

4.6 Jekk l-informatika hija raġuni fiha nfisha suffiċenti, hemm raġuni oħra li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni. Wieħed mill-iskopijiet tar-regoli tal-Malti kien li jkun hemm "kitba waħda u ta' ftehim wieħed"[3], imma dan l-iskop illum intesa.

4.7 Il-karatteristiċi storiċi tal-Malti (pajjiż żgħir, b'bażi lingwistika Għarbija, b'influwenza Rumanza / Anglosassona), joħolqu nuqqas ta' uniformità strutturali fil-lingwa. Jibqa' l-fatt li ftit kienu l-isforzi, wara l-1924, minna l-Maltin kollha, sabiex tinżamm ortografija (u grammatika) uniformi u konsistenti.

4.8 Il-Maltin ġeneralment ma jsegwux il-kunċetti ta' konsistenza, preċiżjoni u attenzjoni fil-kitba. Dan jidher fil-mod kif ĦAFNA Maltin[4] ikissru l-lingwi kollha li jużaw, mhux biss il-Malti. Il-qagħda tal-lingwa tagħna tirrifletti l-qagħda ġenerali ta' ħafna aspetti tal-ħajja tal-Maltin. Ħudu s-sewqan tal-Maltin, pereżempju: traskurat, arroganti, approssimattiv, mhux preċiż, u b'nuqqas ta' rispett tar-regoli u tal-oħrajn. Il-qagħda tal-lingwa tirrifletti kif aħna l-Maltin naġixxu fil-ħajja ta' kuljum. Is-soluzzjoni hija li għandna bżonn inqumu mir-raqda kollettiva tagħna u napplikaw ftit iktar dixxiplina fuqna nfusna.

4.9 Mhux faċli li wieħed jirregola lingwa. Kulħadd jippretendi li huwa għandu dejjem raġun (ħafna drabi mingħajr raġuni jew għaliex ikollu aġenda personali) u jwaqqa' dak li jiġi propost. Hija responsabbiltà tagħna lkoll li nagħtu sehemna b'mod kostruttiv u lkoll flimkien.

4.10 Il-konklużjoni ta' dan l-artiklu hija sempliċi, imma kumplessa. Nistgħu ngħidu bħala stat ta' fatt li jeżistu diversi lakuni fir-regoli tal-Malti li għandhom jiġu indirizzati. Ir-regolazzjoni tagħhom mhijiex sempliċi. Il-lingwa mhux neċessarjament timxi fuq bażi loġika, u nifhem li kull min għandu s-setgħa jiddeċiedi dwar dawn il-kwistjonijiet, jekk jaqbel li teżisti din is-sitwazzjoni u jiddeċiedi li jaġixxi, ser isib muntanja ta' diffikultajiet quddiemu.

Nemmen, però, li hemm bżonn li nibdew bl-ewwel pass, u nirrikonoxxu li l-problema tal-varjanti teżisti minħabba l-inkonsistenza tagħna lkoll. Huwa biss minn hemm li jkun jista' jsir l-ewwel pass ta' vjaġġ twil u impenjattiv. Nittama li dan l-artiklu jgħin sabiex titkompla d-diskussjoni dwar il-varjanti, imma mhux biss.

*Is-Sur Izzo-Clarke huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja*

[3] Kelmtejn ta' qabel fuq il-kitba Maltija (1924). Din l-introduzzjoni tgħid li "għal dik li hi ortografija, aktarx issibha mibnija fuq il-widna u l-kapriċċ ta' kif wieħed jidhirlu jew jifhem li jista' jfisser ruħu u dan narawh f'xi dizzjunarji li nkitbu dan l-aħħar u fil-ġurnali li ħerġin bl-addoċċ".

[4] Qed nitkellem mhux fuq min jikteb bil-Malti biss, imma fuq il-poplu Malti kollu, li fil-fehma tiegħi huwa dak li joħloq il-lingwa, inklużi dawk kollha li qatt ma jaqraw jew jiktbu bil-Malti, imma jitkellmuh biss.

# KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**In-nazzjonalità taċ-ċittadin u ċ-ċittadinanza ta....-....?**

Mark A. Sammut

## 1. Dħul

It-titlu *Free movement of workers: From Third Country National to Citizen of the Union* – hekk jismu saġġ li deher fl-2009[1] – iġibna wiċċ imb wiċċ ma' problema. Kif tittraduċih? Kif tagħżel bejn *national* u *citizen*? It-tnejn huma 'ċittadin'? Jekk it-tnejn huma 'ċittadin', għaliex it-titlu ma jgħidx *From Third Country **Citizen** to **Citizen** of the Union*?

F'din il-kitba, it-tentattivi tiegħi se jkunu tlieta: (i) l-individwazzjoni tal-problema maħluqa minħabba li donnu jeżisti amalgama mhux biss fil-Malti bejn in-nozzjonijiet ta' **nazzjonalità** u **ċittadinanza**;

(ii) l-għoti ta' definizzjoni politika (jew politiloġika / soċjoloġika / storika) u oħra ġuridika taż-żewġ nozzjonijiet;

(iii) is-sejbien ta' soluzzjoni għall-problema fid-dawl tad-definizzjonijiet.

## 2. Premessa

Irrid niddikjara sa mill-bidu nett il-pożizzjoni enfatika tiegħi kontra l-inutilità spissa tan-neoloġiżmi. Hija konvinzjoni tiegħi – li mmaturat wara osservazzjoni bir-reqqa tal-użu f'diversi oqsma – li ħafna kunċetti ġodda jitwasslu ugwalment tajjeb jew bi kliem ġa eżistenti (forsi anki billi jiġi rxoxtat kliem arkajku, li jista' jingħata lwien ġodda) jew permezz tas-self dirett tat-terminu mill-ilsien li fih ikun oriġina[2].

Madankollu, huwa naturali li hemm ċirkostanzi meta n-neoloġiżmi – kemm semantiċi kif ukoll sintattiċi – huma mhux biss utli imma bżonjużi. B'neoloġiżmu qiegħed nifhem vokabolu jew sintagma li ma jkunx ilu li daħal fi lsien, jonkella ma jkunx ilu li beda jintuża b'mod ġdid.

Id-definizzjoni ta' neoloġiżmu tista' tkun dibattuta ferm, u biex nipprova nilħaq livell sodisfaċenti ta' ċarezza se nikkwota lil ħaddiehor[3] dwar x'jistgħu jkunu l-parametri li jwasslu biex vokabolu jew sintagma jitqies neoloġiżmu:

a. dijakronija: ma jkunx ilu li feġġ;

b. lessikografija: ma jinstabx fid-dizzjunarji;

ċ. instabilità sistematika: jidher li jkollu instabilità formali (eż., morfoloġika, grafika, fonetika) jew instabilità semantika;

d. psikoloġija: il-kelliema jarawh bħala ġdid.

Fl-eżerċizzju preżenti, se jkollna nirrikorru għan-neoloġiżmu minħabba fir-raġunijiet elenkati matul is-saġġ, u kif se jiġi argumentat fl-aħħar taqsima.

### 3.1 Il-problema

X'aktarx ir-raġuni ewlenija l-għala l-Malti kurrenti ma jagħżilx tabilħaqq bejn 'nazzjonalità' u 'ċittadinanza' hija għax fl-Ingliż tal-Ingilterra ma hemmx distinzjoni vera bejn iż-

[1] Saġġ inkluż fi Paul Minderhoud et (2009): *Rethinking the Free Movement of Workers: The European Challenges Ahead*, il-Pajjiżi l-Baxxi, pp. 25-38.

[2] Ngħidu aħna, *Weltanschauung* flok "viżjoni tad-dinja"; *green paper* flok "karta ħadra", *rapprochement* flok "twaqqif mill-ġdid ta' relazzjonijiet kordjali", *entrenched* flok "ittrunċirat" jew "ittrinkjat" (kieku dal-kliem jeżisti), eċċ.

[3] M. Teresa Cabré, trad. J.A. DeCesaris (1992, 1999): *Terminology. Theory, methods and applications*, John Benjamins Publishing Co., il-Pajjiżi l-Baxxi, p. 205.

żewġ kunċetti, li jintużaw interkambjabbilment[4].

Mhux biss, imma sa ma Malta kienet kolonja, il-Maltin kienu jafu li huma Maltin imma kellhom nazzjonalità Brittanika.

Però, irid jingħad li mhux fl-Ingliż biss hemm dat-taħwid. Anki fl-ilsien l-ieħor li jservi ta' għajn ta' tnebbiħ għall-Malti nsibu *l'uso non infrequente, anche nei testi legislativi, di «nazionalità» per «cittadinanza», «nazionali» per «cittadini»*[5].

Nivverifikaw l-asserzjoni li fil-Malti ż-żewġ kunċetti jintużaw interkambjabbilment, daqslikieku kellhom relazzjoni ta' sinonimija, b'titwila lejn id-definizzjonijiet li jagħtuna żewġ dizzjunarji ewlenin.

*Il-Miklem Malti* jagħtina: *nazzjonalità*: stat, qagħda ta' dak li hu nazzjonali, li għandu nazzjon jew li hu tan-nazzjon; [...] għarfien ta' xi ħadd bħala ċittadin ta' nazzjon; [...] ċittadinanza[6].

Aquilina jagħtina: *nazzjonalità*: *nationality*[7] u ma jsemmix *citizenship*. Imbagħad, imma, għal *national* jagħtina *aġġ. nazzjonali [...] n. ċittadin (ta' stat partikolari)*[8].

Insibu qagħda tixtiebaħ f'dizzjunarji oħrajn ukoll, anki dawk speċjalizzati. Il-*Lexique des termes juridiques*, ngħidu aħna, jgħidilna li *ressortissant* huwa *individu lié à un État dont il n'a pas, cependant, la nationalité* [...] *En pratique, il est fait souvent confusion des termes «national» et «ressortissant», ce dernier mot*

---

[4] Jekk wieħed jaqra l-*British Nationality Act,1948* tar-Renju Unit, isib ġa mal-ewwel dispożizzjoni ħjiel ta' x'hemm jistennieh. Filwaqt li t-titolu huwa "*nationality*", id-dispożizzjoni ssemmi *citizen* u *subject*:

PART I

BRITISH NATIONALITY.

> 1.—(1) Every person who under this Act is a citizen of the United Kingdom and Colonies or who under any enactment for the time being in force in any country mentioned in subsection (3) of this section is a citizen of that country shall by virtue of that citizenship have the status of a British subject.

[5] V. Crisafulli & D. Nocilla (1977): Nazione f'*Enciclopedia del Diritto*, Vol. XXVII, Milan, Giuffrè Editore, pp. 789-790. Irrid inżid, f'dan il-kuntest, li n-nom "*nazionale*" donnu ma jirriżultax fid-dizzjunarji tat-Taljan, tal-anqas f'dawk li fittixt jien: ir-Ragazzini (kartaċeu) u fis-Sabatini Coletti (*online*). B'danakollu, barra mis-silta li semmejt hawn mill-*Encicopledia del Diritto* (li hija tal-1977), il-vokabolu "*nazionale*" bit-Taljan, sibtu jintuża f'dawn it-testi wkoll: Ministero per gli Affari Esteri (1868-69): *Bollettino Consolare*, Firenze, p. 587: '*Si tratta di voler fare sopportare al sale impiegato per la salagione delle sardelle [...] pescate dai nostri nazionali*'; D. Giurati (1870): *Giurisprudenza italiana*, Unione tiprografica-editrice Torino, Turin, p. 680: '*permettendo all'articolo 29 all'uffiziale consolare di ricevere atti di matrimonio anche tra nazionali e stranieri*'; G. Sandonà (1870): *Trattato di Diritto Internazionale Moderno*, Pellas Editore, Firenze, p. 775: '*In quei paesi poi, nei quali i trattati o gli usi acconsentono agli agenti consolari, che in certi casi possano esercitare una determinata giurisdizione in ordine ai nazionali, questa giurisdizione dovrà contenersi nei limiti che*'; F.P. Contuzzi (1911): *Trattato teorico-pratico di diritto consolare e diplomatico nei raffronti coi codici (civile, commerciale, penale e giudiziario)*, Unione tipografico-editrice torinese, Turin, p. 489: '*Rimpatrio gratuito di marinai ed altri nazionali*'; A. Gilardoni (2005): *Potere & Dominio*, Associazione Culturale Mimesis, Milan, pp. 26: '*La naturalizzazione sarebbe stata un'altra soluzione, ma venne regolarmente scartata, infatti era essenzialmente collegata alla legislazione che riconosceva solo i nazionali come cittadini per diritto di nascita (territorio e sangue*'; u fil-*Convenzione tra il Governo della Repubblica Italiana e il Governo della Repubblica di Estonia per Evitare le Doppie Imposizioni in Materia di Imposte sul Reddito e per Prevenire le Evasioni Fiscali* (iffirmata Ruma fl-20 ta' Marzu 1997), li fl-Artikolu 3(1)(h) tgħid hekk: '*il termine 'nazionali' designa: (i) le persone fisiche che hanno la nazionalità di uno Stato contraente; (ii) le persone giuridiche, le società di persone, e le associazioni costituite in conformità della legislazione in vigore in uno Stato contraente*'.

[6] E. Serracino Inglott (1979): *Il-Miklem Malti*, Vol. VI, Klabb Kotba Maltin, Malta, p. 262.

[7] J. Aquilina (1990): *Maltese-English Dictionary*, Midsea, Malta, p. 896.

[8] J. Aquilina (1999): *English-Maltese Dictionary*, pp. 1958-1959. Naturalment, il-preċiżazzjoni li 'ta' stat partikolari' ġejja mill-ħtieġa li jiddifferenzja minn *belti* li wkoll jista' jkun *ċittadin*.

*ayant un sens beaucoup plus large*[9]. Però, dal-lessiku ma jagħtiniex definizzjoni ta' *national*.

Xejn ma huwa tal-istagħġib li d-*Dizzjunarju Franċiż-Malti* jagħtina, *ressortissant n.m.*: ċit-tadin -a -i; tal-pajjiż[10].

Minħabba f'dis-sitwazzjoni ta' konfużjoni, ma għandniex niskantaw li hija prattika li l-vokabolu *national* jiġi tradott fil-Malti daqslikieku kien *citizen*.

Ħalli namplifikaw fuqu dan il-punt.

### 3.2 *National* (nom)

Il-vokabolu *national* jista' jfisser kemm nom kif ukoll aġġettiv. Fit-tifsira ta' aġġettiv, il-Malti juża 'nazzjonali: l-Innu Nazzjonali, it-tim nazzjonali tal-futbol, il-poeta nazzjonali'. Bħala nom, il-Malti, kif rajna, iqis li 'ċittadin' huwa ekwivalenti għal *national* u *citizen*.

Ejja naraw ftit din l-asserzjoni ssibx konferma f'żewġ għejun: il-leġiżlazzjoni Ewropea u l-leġiżlazzjoni nazzjonali.

### 3.2.1 Leġiżlazzjoni tal-UE

Tiftixa fil-Euramis għall-konkordanza tal-vokabolu "*national*" ma tagħtix riżultat wieħed, dak li wieħed seta' jobsor. Filwaqt li xi dokumenti fihom *ċittadini*[11], ieħor fih *sudditi*[12], u – interessantement – *persuni ta' nazzjonalità ta'* [13]. Dan l-aħħar mod kif tittraduċi *national* huwa interessanti kemm għax neoloġiżmu u kemm għax jirrikonoxxi l-bżonn li fil-Malti tiġi rispettata d-differenza semantika bejn *citizen* u *national*.

### 3.2.2 Leġiżlazzjoni nazzjonali Maltija

Jidher li fil-leġiżlazzjoni speċjali Maltija, il-vokabolu *national* (n.) jiġi tradott konsistentement bħala 'ċittadin'[14]. Il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar 'ċittadinanza' u 'citizenship' (Kapitolu III)[15].

### 4.1 Sinonimija żbaljata?

Diffiċli tirrispondi b'mod skjett u sinċier. Billi, kif rajna, jidher li fl-użu Ingliż ma hemmx tant distinzjoni bejn *nationality* u *citizenship*[16], u lanqas ma hemm fit-Taljan, wieħed jista' jiskużahom lill-Maltin li huma wkoll ma jagħmluhiex tali distinzjoni.

Min-naħa l-oħra, hemm sitwazzjonijiet li kjarament jirrikjedu li wieħed jagħraf bejn it-tnejn. Ngħidu aħna, kif tittraduċih dal-artikolu tal-*United States Code*?

> § 1408. NATIONALS BUT NOT CITIZENS OF THE UNITED STATES AT BIRTH
> Unless otherwise provided in section 1401 of this title, the following shall be nationals, but not citizens, of the United States at birth:
> **(1)** A person born in an outlying possession of the United States on or after the date of formal acquisition of such possession;
> **(2)** A person born outside the United States and its outlying possessions of parents both of whom are nationals, but not citizens, of the United States, and have had a residence

[9] S. Guinchard & G. Montagnier (2003): *Lexique des termes juridiques*, Dalloz, Pariġi, p. 510.
[10] J. Cutayar (2007): *Dizzjunarju Franċiż-Malti*, L'Harmattan, Pariġi, p. 559.
[11] Dok. 31994R0040, 31989L0552, 31971L0118 minn Legis-Juris.
[12] Dok. 31988L0407 minn Legis-Juris; ma hemm l-ebda indikazzjoni li t-test jittratta saltniet, mhux repubbliki.
[13] Dok. 31994R2100 u 31992R2913 minn Legis-Juris, u dok. 31993L0016 minn Legis-Juris imma li fih hemm taħlita ta' *ċittadini* u *persuni ta' nazzjonalità ta'*.
[14] S.L. 123.129, 123.130, 123.131, 217.05, 217.09, 217.10, 217.12, 217.14, 217.15, u 460.17.
[15] Interessanti l-artikolu 23(2) li jitkellem dwar sudditanza mingħajr ċittadinanza skont il-*British Nationality Act*, 1948.
[16] Il-*Collins English Dictionary* (HarperCollins Publishers, Glasgow, 2006) jagħti dawn id-definizzjonijiet: ***citizen***: '*a native registered or naturalized member of a state, nation, or other political community*'; ***national***: '*noun a citizen or subject*'; ***nation***: '*1. an aggregation of people or peoples of one or more cultures, races, etc, organized into a single state 2. a community of persons not constituting a state but bound by common descent, language, history, etc*'.

in the United States, or one of its outlying possessions prior to the birth of such person;
[…]

Minn dal-eżempju joħroġ ċar li din hija sinonimija żbaljata.

### 4.2 Definizzjonijiet teoriċi fil-qosor: stat, nazzjon, nazzjonalità

Hemm kunċett ieħor importanti, imma se nħalluh barra: 'poplu'[17].

Id-demografija tgħallimna li jista' jkollok ċittadin tas-Slovakkja li jkun ta' nazzjonalità Ungeriża, jew ċittadin tal-Ungerija li jkun ta' nazzjonalità Slovakka, jew ċittadin tal-Ukraina li jkun ta' nazzjonalità Slovakka. Fir-reġjun tal-Karinzja, fl-Awstrija, insibu ċittadini Awstrijaċi ta' nazzjonalità Slovena. Fil-Latvja, hemm ċittadini Latvjani li huma ta' nazzjonalità Liva.

L-artikolu 51(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana, iqis lilna l-Maltin 'Taljani li ma nappartjenux għar-Repubblika'[18].

Dan għaliex *stat* u *nazzjonalità* ma humiex l-istess kunċett. Fl-istess stat jista' jkollok aktar minn nazzjonalità waħda, u l-istess nazzjonalità tista' tkun mifruxa f'aktar minn stat wieħed[20]. L-appartenenza għal Stat hija fatt oġġettiv (jirriżulta minn passaport, ċertifikat tat-twelid, eċċ.). In-nazzjonalità hija soġġettiva[21], "realtà spiritwali"[22], għax hija r-riżultat ta' sentiment, ta' kondiviżjoni ta' kultura, ilsien, reliġjon, tradizzjonijiet, etnija, *Weltanschauung*, memorja ta' oriġini komuni, storja, eċċ.[23]

Min-naħa l-oħra, għandna konfużjoni lessikali anki fejn jidħol l-Istat[24]. Ngħidu aħna, l-organizzazzjoni internazzjonali tal-Istati jisimha Nazzjonijiet Uniti (jew Ġnus Magħquda). Żewġ mistqosijiet: 1. Nazzjon = Ġens? 2. Nazzjonijiet Uniti = in-nazzjonijiet (eż. in-nazzjon Katalan) jew = l-istati jew = l-istat bħala inkarnazzjoni tan-nazzjon? Skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Montevideo dwar il-Jeddijiet[25] u d-Dmirijiet tal-Istati tal-

---

[17] Il-qarrej hu rimandat għal V. Crisafulli & D. Nocilla, *op. cit.*, pp. 811 *et seq.*

[18] Flimkien ma' oħrajn, bħad-Dalmati, il-Korsikani, it-Tiċiniżi, l-Istrijani, eċċ. L-art. 51 jgħid li '*La legge può, per l'ammissione ai pubblici uffici e alle cariche elettive, parificare ai cittadini gli italiani non appartenenti alla Repubblica*'. Dan hu l-uniku mument meta l-Kostituzzjoni Taljana tagħżel bejn *nazzjon* u *Stat* – ara V. Crisafulli & D. Nocilla, *op. cit.*, p. 806. L-għajn li użajt għalbiex nasal għal elenku tal-ġnus Taljani mhux appartenenti għar-Repubblika (fejn jissemmew speċifikament il-Maltin) kien il-ktieb ta' Giuseppe Biscottini, *Manuale di Diritto Consolare*, Cedam Padwa, 1969."

[19] Fil-bidu, in-nozzjoni ta' *Stat* kienet distinta minn dik ta' *nazzjon*: "*L'idée de nation apparaît en France avec la Révolution française. Aux yeux des révolutionnaires français, la nation comment élément constitutif de l'Etat, s'oppose au Roi. A la maxime de Louis XIV : « L'Etat c'est moi », les révolutionnaires rétorquent que l'Etat n'est rien d'autre que la personnification de la nation. Par nation, il faut entendre la collectivité, le peuple, l'ensemble des citoyens*" – E. Nguyen (1998): *Les Nationalismes en Europe*, Le Monde, Pariġi, p. 17. Bil-multikulturaliżmu u minħabba fil-globalizzazzjoni, "*le morcellement identitaire qu'impliquerait l'affirmation des intérêts communautaires et des particularismes culturels et ethniques aboutirait au repli du citoyen sue le groupe religieux ou ethnique. La communauté se substituerait à l'Etat. La nation se retrouverait éclatée en minorités éparpillées que rien ne lierait les une aux autres et que tout opposerait.La citoyenneté se diluerait et perdrait toute vision partagée de l'avenir. L'Etat n'aurait plus pour fonction que d'assurer la coexistence des communauté. L-Etat-nation deviendrait un « Etat sans nation »*" – *ibid.*, pp. 101-102. Bejn il-bidu u t-"tmiem", insibu li "*the system of European states came into being at the Treaty of Westphalia in 1648 [and] it was not until the nineteenth century that these states began to be converted into 'nation-states', and hence a system of nation-states came into being.*" – A.D. Smith (1986, 1988): *The Ethnic Origins of Nations*, Blackwell Publishers, Oxford, p. 11.

[20] Wieħed jista' jitkellem dwar "*la distinzione tra nazioni «territoriali» e nazioni (soltanto) «culturali»*" – V. Crisafulli & D. Nocilla, *op. cit.*, p. 791.

[21] "*Nel quadro di impostazione* lato sensu *idealistiche, la nazione [viene] assunta come rappresentazione psichica o fatto di coscienza interiore (coscienza e volontà di essere nazione)*" – V. Crisafulli & D. Nocilla, *op. cit.*, p. 792.

[22] *Ibid.*, p. 802.

[23] *Ibid.*, pp.795-798.

[24] Għal taħdita interessanti dwar l-Istat mil-lat teoriko-kostituzzjonali ara l-*Enciclopedia del Diritto*, Vol. XLIII, Giuffrè Editore, Milan, pp. 759 *et seq.*

[25] Ngħid *jedd*, għax nimxi mal-mudell tal-Kodiċi Ċivili li juża *jedd* għal *right* biex iħalli *dritt* għat-tifsira ta' *law.*

1933, 'l-Istat bħala persuna tad-dritt internazzjonali għandu jippossjedi l-kwalifiki li ġejjin:

(a) popolazzjoni permanenti; (b) territorju definit; (ċ) gvern; u (d) il-kapaċità li jidħol f'relazzjonijiet ma' Stati oħrajn'[26]. Is-sentiment ta' appartenenza nazzjonali ma jissemmiex.

Filwaqt, għalhekk, li nistgħu nikkonstataw mingħajr xkiel li hemm konfużjoni lessikali, nistgħu nikkonstataw ukoll, u bl-istess nuqqas ta' xkiel, li ma hemm l-ebda konfużjoni fuq livell semantiku. Huwa ċar li, semantikament, 'nazzjonalità' ma tfissirx 'ċittadinanza' billi tal-ewwel hija appartenenza 'soġġettiva' mentri tat-tieni hija appartenenza 'oġġettiva'. Li s-soġġettiv jisfa mgħolli għall-oġġettiv hi fallaċja komuni. Il-proposta tiegħi hi li l-problema tal-konfużjoni lessikali tissolva billi l-kjarezza semantika[27] tiġi imposta anki fuq il-livell lessikali.

**5. Soluzzjoni**

Tabilħaqq is-soluzzjoni intelliġenti li wieħed isib fil-leġiżlazzjoni Ewropea, jiġifieri l-idea ta' "persuna li għandha n-nazzjonalità ta'", hija semantikament preċiża (*dik* hi t-tifsira ta' *national* (n.)). Madankollu, jidhirli li għandha tliet żvantaġġi:

(i) Billi hija parafrażi mhux vokabolu, tikkawża dissonanza stilistika bejn it-Test Oriġinarju u t-Test Destinatarju.

(ii) Iddaħħal element ta' instabilità semantika billi donnha tagħti lok għal xi implikazzjoni bejn 'ċittadin' (*i.e.*, mhux 'persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta'') u 'persuna li għandha n-nazzjonalità ta''.

(iii) Hija pedantika.




[26] Hemm min jinterpreta l-kwalifika (d) bħala manifestazzjoni tal-kwalifika (ċ), ċjoè li tkun tista' tidħol f'relazzjonijiet ma' Stati oħrajn sempliċement għax għandek gvern. (*Traduzzjoni tal-awtur*)
[27] Kjarezza fis-sens li nafu li huma żewġ kunċetti differenti, mhux li nafu sewwasew kull kunċett x'inhu.

Minħabba f'dawn it-tliet oġġezzjonijiet, nipp-roponi li s-soluzzjoni tkun il-ħolqien tan-nom "nazzjonal" bħala l-ekwivalenti ta' *national* (n.), ġaladarba diġà jeżisti l-aġġettiv 'nazzjonali'. B'hekk inkunu fil-qagħda li jkoll-na 'nazzjonali**'** għal *national* (aġġ) u 'nazzjonal' għal *national* (n.).

| Nom | Aġġettiv |
|---|---|
| l-editorjal | editorjali |
| l-essenzjal | essenzjali |
| il-kapital | kapitali |
| il-kriminal | kriminali |
| il-lokal | lokali |
| il-manwal | manwali |
| il-mineral | minerali |
| il-moral | morali |
| in-natural | naturali |
| in-normal | normali |
| l-oral | orali |
| il-prinċipal | prinċipali |
| it-total | totali |
| l-uffiċjal | uffiċjali |
| il-verbal | verbali |

Dan ikun skont il-mudell:
Naturalment, hemm l-eċċezzjoni ta' 'liberali' / 'liberali'.

Il-problema li ftaħna biha, nistgħu issa nagħtu-ha soluzzjoni. It-titlu *Free movement of workers: From Third Country* ***National*** *to Citizen of the Union* ikun jista' faċilment u bl-akbar ċarezza jinqaleb f'*Il-moviment ħieles tal-ħaddiema: Minn* ***nazzjonal*** *ta' pajjiż terz għal ċittadin tal-Unjoni.*

*Dr Sammut huwa traduttur mal-Parlament Ewropew*

**Stedina għall-kontributi**

Inħeġġukom tibqgħu tibagħtu l-kontributi tagħkom fuq temi li huma ta' interess u li jqajmu diskussjoni.

Ħajr lil kulħadd.

## *Income* u *Revenue*

Reuben Seychell

### 1. Daħla

Spiss u skorrettement hemm min ma jiddistingwixxix bejn *income* u *revenue*, tant li għat-tnejn, bil-Malti, juża 'dħul'. Dan mhuwiex każ ta' sinonimija fl-Ingliż, imma bil-kontra. Fil-Malti tinħoloq omonomija, xi ħaġa li terminoloġikament u fil-lingwaġġ xjentifiku hija inaċċettabbli[1]. Barra minn hekk, l-argument li l-Malti lessikament huwa nieqes mir-rappreżentazzjoni ta' differenza bħal din huwa skorrett, għaliex fil-lessiku Malti diġà jeżistu l-lessemi neċessarji korrispondenti ma' ħuthom barranin.

### 2. Mhumiex sinonimi

*Revenue* huwa wieħed mill-fatturi ta' *income*. Fil-fatt, fi kliem sempliċi *revenue* tirreferi għall-flussi kollha ta' fondi li tirċievi entità (probabbilment, relatriċi) iġġenerati mill-operazzjonijiet tagħha bħal bejgħ ta' prodotti jew servizzi (jew ġbir ta' taxxi fil-każ ta' entità pubblika). *Income* jirreferi għall-gwadanji jew profitti ġġenerati mill-operazzjonijiet ladarba tnaqqas l-ispejjeż kollha mir-*revenue*. Għalhekk, matematikament huwa wkoll impossibbli li tipprova tirrappreżenta lit-tnejn li huma bl-istess kelma. Li kellna nesprimu relazzjoni ġenerika bejn it-tnejn, ikollna xi ħaġa simili: *income = revenue – expenditure*

Għaldaqstant, hija matematikament impossibbli li tesprimiha: dħul = dħul – nefqa[2].

### 2.1 Dissezzjoni: *Revenue*

| EN | MT | IT | FR |
|---|---|---|---|
| revenue | dħul | entrate[3] | recettes[4] |
| turnover | fatturat | fatturato | chiffre d'affaires |

[1] Ara l-punt 7.2 tal-ISO704: 2009, Terminology work — Principles and methods.
[2] L-impossibilità matematika ta' x=x-y.
[3] Ara s-sit tad-Dipartiment tal-Finanzi tal-Italja: http://www.finanze.it
[4] Ara s-sit tal-Ministeru tal-Ekonomija, il-Finanzi u l-

Fil-kontabilità, *revenue*[5] hija l-ewwel entrata fir-rapport tal-profitti u t-telf (ir-rapport tal-introjtu jew *income statement*). *Revenue* huwa element important biex titkejjel il-prestazzjoni ta' entità, sew jekk impriża privata sew jekk pubblika (inkluż l-amministrazzjoni pubblika[6]), prattikament b'kemm il-flussi deħlin tal-assi (*revenue*) jpaċu l-flussi ħerġin tal-assi (*expenditure*).

Fil-każ ta' impriża, *revenue* huwa magħmul mill-gwadanji *plus* il-kost tal-prodotti (oġġetti u/jew servizzi) mibjugħa. *Net revenue* huwa l-valur tal-prodotti mibjugħa *minus* il-valur tal-prodotti rritornati (eż. minħabba ħsarat jew jeddijiet ta' ritorn[7]). Filwaqt li r-*revenue* tal-Gvern jinkludi l-ammonti kollha tal-flus (minn taxxi u/jew drittijiet) irċevuti minn għejun barra mill-entitajiet tal-Gvern.

Fil-kamp tal-privat, *revenue* bħala terminu EN huwa terminu Amerikan u fl-Ewropa (inkluż fl-Ingilterra) jintuża aktar *turnover* (differenti minn *turnover* tal-assi fl-Amerikan fil-kontabilità).

### 2.2 Dissezzjoni: *Income*

| EN | MT | IT | FR |
|---|---|---|---|
| income | introjtu | reddito | revenue |
| return | redditu | ritorno / reddito | retour / rendement |

*Income* huwa t-total tal-konsum u t-tfaddil ta' entità f'perjodu speċifiku espress f'termini monetarji[8]. Fil-livell tal-abitazzjonijiet u l-individwi, *income* huwa l-ammont tal-pagi, salarji, profitti, imgħax riċevut, kirjiet u kull forma ta' qligħ ieħor riċevut f'perjodu speċifiku[9]. Fl-ekonomija, *income* jirreferi għall-akkumulu tal-kapaċità ta' konsum monetarju u nonmonetarju; dak monetarju jintuża bħala indikatur tal-*income* totali. Fil-kontabilità *income* huwa użat l-aktar bħala *net income,* li huwa ekwivalenti għall-profitt, hekk kif jidher fl-*income statment* (ir-rapport tal-introjtu) magħruf ukoll bħala r-rapport tal-profitti u t-telf. *Net income* huwa ekwivalenti għar-*revenues* totali *minus* l-ispejjeż kollha. L-*income* mill-investimenti u l-istrumenti finanzjarji jissejjaħ *return* u għalhekk insibu termini oħra bħal *rate of return* (*ROI*) eċċ[10].

Fil-kejl tal-ekonomija, *income* huwa element importanti f'wieħed minn tliet mekkaniżmi. L-ekonomija tista' titkejjel permezz tal-*Gross Product* (*Domestic/National*[11]), tal-*Gross Expenditure* (*Domestic/National*) jew tal-*Gross Income* (*Domestic/National*). Suppost li, irrispettivament minn liema mekkaniżmu tuża, tasal għall-istess riżultat. Il-mekkaniżmu tal-*income*[12] jaħdem billi jgħodd l-*incomes* kollha (u mhux ir-*revenues*[13]) li jitħallsu f'pagi, salarji u remunerazzjoni supplementari lill-abitazzjonijiet, profitti tal-impriżi u kirjiet[14]. Biex nikkonkludu, fl-ebda mument ma jkun involut ir-*revenue* f'dan il-proċess.

[5] Għall-iskop ta' dan l-artiklu, fil-kumplament tat-test qed nuża t-termini relevanti bl-Ingliż (EN) sabiex nevita preġudizzji lingwistiċi u l-Latin għall-operazzjonijiet matematiċi għaċ-ċarezza.
[6] Bl-EN "general government". Ara wkoll l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 497 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Ċertament differenti minn *net income,* li kif naraw aktar tard huwa "*total revenues*" *minus* "*all expenses*".
[8] Barr, N. (2004). Problems and definition of measurement. Fi *Economics of the welfare state*. New York: Oxford University Press.
[9] Case, K. & Fair, R. (2007). *Principles of Economics*. Upper Saddle River, NJ: Pearson Education.
[10] Mhuwiex l-iskop tiegħi li f'dan l-artiklu nidħol fid-dettall tar-relazzjoni eżatta bejn *income* u *return* għalkemm hemm saffi u diversi tipi ta' relazzjonijiet bejniethom.
[11] Distinzjoni bejn l-attività li sseħħ fit-territorju tal-Istat jew dik li tappartjeni lill-Istat imma mhux bilfors isseħħ fit-territorju tiegħu.
[12] F'Taljan sempliċi: *"la somma dei redditi dei lavoratori e dei profitti delle imprese*".
[13] Li kieku jgħodd ir-*revenues* id-daqs tal-ekonomija jkun bil-wisq akbar, u għalhekk ukoll huwa neċessarju li bil-MT ma jintużax l-istess terminu għal *revenue* u *income*.
[14] Biex ikun ekwivalenti għall-Prodott Gross, jingħaddu wkoll it-taxxi indiretti nieqes is-sussidji u jitnaqqas id-deprezzament.

### 3. Distinzjoni bil-Malti

Id-dizzjunarji disponibbli, maħsuba biex jirreġistraw il-lessiku, ma jgħinuniex f'din id-distinzjoni teknika[15]. Madankollu, jekk wieħed iħares lejn il-liġijiet ta' Malta, proprju lejn dawk li jittrattaw b'mod tekniku l-qasam konċernat, jiltaqa' mad-distinzjoni ċara bejn *income* u *revenue*. Fil-livell tal-entitajiet privati (inklużi individwi u abitazzjonijiet) fl-*Income Tax Act*[16], tinżamm id-distinzjoni billi fil-verżjoni Maltija nżammet *income*[17], flok 'dħul' li ntużat għal *revenue*. L-istess preċiż jagħmel l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (il-Kapitolu 372). Fuq il-livell ta' kejl tal-ekonomija, jekk wieħed jara l-uniku att li jittratta dan is-suġġett fil-liġijiet ta' Malta, il-Kapitolu 209, l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali (Att tal-1968), *national income* korrettament ma jissejjaħx 'dħul nazzjonali' imma 'introjtu nazzjonali'. Jekk wieħed jirreferi għat-Trattati tal-Unjoni Ewropea, dawn jiddistingwu bejn *revenue* (dħul) u *income* (introjtu); partikolarment fejn jiġu ttrattati kwestjonijiet ekonomiċi u monetarji, pereżempju fil-Protokoll 4[18]. Meta wieħed jirreferi għal Trattat ieħor, did-darba purament fuq tema finanzjarja u ekonomika, li Malta hija aderenti fih u li huwa disponibbli bil-Malti, it-Trattat dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, din id-distinzjoni tinżamm u jitkellem fuq 'introjtu nett' (*net income*, EN), introjtu (*income*, EN), taxxa nazzjonali fuq l-introjtu (*national income* tax), u introjtu nazzjonali gross – ING (*Gross National Income - GNI*, EN).

### 4. Konklużjoni

Ma għandix aktar xi nżid, għajr il-ħsieb li fil-lingwaġġ tekniku l-omonomija maħluqa bl-użu ta' *dħul* biex fl-istess qasam tirreferi għal żewġ kunċetti differenti, *income* u *revenue*, mhux biss tmur kontra l-istandards internazzjonali tat-terminoloġija[19] u l-prinċipji tax-xjenza imma toħloq disservizz għall-qarrej tekniku li jispiċċa jirrikorri għal lingwa barranija biex jagħraf id-differenzi kunċettwali.

*Dan l-artiklu ġie ppubblikat għall-ewwel darba fis-sit [www.termali.eu](http://www.termali.eu)*

*Reuben Seychell huwa terminologu mal-Kummissjoni Ewropea*




**Traduzzjoni ta' min joqgħod fuqha:** Fuq dan il-bank fir-raħal ta' Zermatt, l-Isvizzera, insibu eżempju ta' kif, f'kuntesti mhux tekniċi, traduzzjoni tas-sens u mhux kelma b'kelma toħroġ isbaħ u aktar b'saħħitha.
*Ritratt: Alessandro Mangion*

---

[15] U għaliex proprju huma dizzjunarji li jaqdu funzjoni lessika aktar milli waħda terminoloġika.
[16] Kap. 123 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-Malti msejjaħ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.
[17] Jonqos li juża kelma bil-Malti fit-test Malti.
[18] It-*Trattat dwar l-Unjoni Ewropew* u t-*Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*, il-Protokoll Nru 4 Dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.
[19] Ara ISO 704:2009 – *Terminology work – Principles and methods*.

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti Oħra*

**It-traduzzjoni fil-Kumitat tar-Reġjuni u fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**
Pawlu Buhagiar

In-nannu tiegħi kien jgħid li ż-żgħir kollu ħelu, barra l-paga, naturalment!

Il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandhom numru ta' servizzi konġunti. Fost dawn hemm is-servizz tat-traduzzjoni. L-unità Maltija tat-traduzzjoni, li hi l-iżgħar waħda fost l-unitajiet li jwettqu din il-ħidma, għandha tnax-il traduttur, erba' assistenti u kap. Xogħolha hu li tittraduċi dokumenti użati mill-membri taż-żewġ kumitati għad-diversi laqgħat tagħhom kif ukoll numru ta' dokumenti oħrajn.

Għalkemm hemm numru ta' dokumenti li l-unità tagħna hi eżentata minnhom minħabba d-daqs tagħha (unità tipika fiha 15-il traduttur), xorta jkollna niffaċċjaw il-mewġ ta' emendi li l-membri jagħmlu għad-dokumenti tagħhom qabel il-laqgħat prinċipali tagħhom. Ngħidu aħna, dokument medju ta' 15-il paġna jista' jasal li jkollu ħamsin, mitt emenda, li kollha jridu jiġu tradotti fi ftit ħin.

L-unità tagħmel l-almu tagħha biex tipparteċipa fil-bini tat-terminoloġija bil-Malti. Dan isir b'kollaborazzjoni mal-unitajiet l-oħrajn tat-traduzzjoni Maltin, speċjalment dawk tal-Kummissjoni u dan minħabba li l-membri taż-żewġ Kumitati jfasslu opinjonijiet fuq dokumenti tal-Kummissjoni, li bosta drabi jkunu diġà ġew tradotti fi lsienna. L-unità tagħna hi wkoll waħda mill-aktar attivi fi proġetti terminoloġiċi interni, l-aktar għaliex inħossu l-ħtieġa li nibnu fuq dak li ħallewlna ta' qabilna u nżommuh ħaj.

Barra l-enfasi li d-dokumenti tradotti joħorġu kollha fil-ħin mitlub (u din fiha nnifisha mhijiex ħidma faċli, kif jaf kull traduttur), l-unità tinsisti fuq il-kwalità, b'reviżjoni ta' madwar 80% tad-dokumenti u b'reviżjoni doppja għad-dokumenti l-aktar importanti.

Is-sena li għaddiet l-unità esternalizzat madwar 5% tad-dokumenti, perċentwal tassew baxx meta mqabbel ma' istituzzjonijiet oħrajn, u dan ifisser li hemm bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol li nintalbu nagħmlu u n-nies disponibbli biex jagħmluh. L-esternalizzazzjoni ssir meta jkun hemm kollegi li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux fuq ix-xogħol jew minħabba li l-volum tax-xogħol imqabbel ma' min jagħmlu jkun kbir wisq.

Din is-sena ser nibdew ukoll l-iskema tat-telexogħol. Erba' tradutturi, jiġifieri terz tat-tradutturi fl-unità, ser ikunu qed jieħdu sehem f'din l-iskema bi prova għal sena. Hi sfida ġdida għalina iżda nilqgħuha għaliex fiha naraw il-futur. Se tagħmel lill-membri tal-unità aktar kuntenti u tista' żżid l-effiċjenza b'diversi modi.

Ħaġa tipika tal-unità tagħna huma dawk li nsejħu l-laqgħat tar-reviżjoni, li jsiru fl-hekk imsejħa Kamra Maltija (fejn nieħdu wkoll it-te flimkien meta jkun hemm il-ħin). Kull traduttur hu mħeġġeġ iniżżel fuq lista li għandna fuq l-intranet id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom meta jkun qed jirrevedi. Dawn niddiskutuhom flimkien, mhux biex nippruvaw naslu għal xi omoġenjità artifiċjali, iżda biex inħaffu l-ħajja ta' xulxin, inżidu s-sens ta' sigurtà f'xogħolna u nnaqqsu l-biża' li niżbaljaw (għal din ir-raġuni ġieli nistaqsu l-opinjoni tat-terminologi f'unitajiet oħrajn, li dejjem jikkooperaw magħna).

B'mod ġenerali l-ħajja fil-Kumitati, għalkemm mimlija ħidma, hi rilassata, bin-nies malajr isiru jafu lil xulxin. Dan hu wieħed mill-

vantaġġi ta' li tkun żgħir. Hawn ukoll sens san ta' appartenenza li jħeġġeġ lin-nies jaħdmu aktar. Minħabba l-pożizzjoni tagħna fi Brussell mhuwiex daqshekk diffiċli li jinstabu nies li jixtiequ jiġu jaħdmu magħna.

Is-sitwazzjoni sa issa ppermettiet li t-tradutturi jkunu jistgħu jingħataw taħriġ fil-lingwi waqt il-ħin tax-xogħol. Mhijiex ħaġa rari li traduttur jaħdem fuq dokumenti minn tlieta jew erba' lingwi f'jum wieħed.

Is-servizz tat-traduzzjoni tal-Kumitati juża s-sistema tat-tliet lingwi *pivot* (Ingliż, Franċiż, Ġermaniż) u ta' żewġ lingwi *semi-pivot* (Taljan, Spanjol, għal xi żmien kien hemm ukoll il-Pollakk ma' dawn). It-traduzzjoni diretta hi madankollu mħeġġa, l-aktar meta qed nitkellmu fuq dokumenti qosra li jridu jkunu lesti malajr. L-unità Maltija tista' toffri traduzzjoni diretta minn disa' lingwi Ewropej. Madankollu, il-maġġoranza tad-dokumenti li nittraduċu u nirrevedu huma mill-Ingliż u mill-Franċiż.

*Dr Buhagiar huwa l-kap tas-Servizz tat-Traduzzjoni tal-Kumitat Tar-Reġjuni / Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

~ • ~

## L-esperjenza ta' żewġ tradutturi *stagiaires* mad-Dipartiment Malti tad-DĠT

Nadia Galea u Karen Aquilina

*Bejn l-1 t'Ottubru 2011 u t-28 ta' Frar 2012, tliet studenti tal-Masters tat-Traduzzjoni fl-Università ta' Malta kellhom l-opportunità li jqattgħu ħames xhur ta' apprendistat mad-Dipartiment tal-Malti tad-DĠ Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, fil-Lussemburgu.*

*Għal aktar tagħrif dwar l-apprendistat mad-Dipartiment tal-Malti tad-DĠT, żur il-paġna tat-*Traineeships Office*:* http://ec.europa.eu/stages/index_en.htm. *Inħeġġukom tapplikaw u tingħaqdu magħna!*

**Nadia Galea**

Meta kont smajt b'dan l-apprendistat ikolli ngħid li għall-bidu ma kontx deċiża jekk napplikax jew le, iżda aktar ma bdejt nirrifletti fuq il-ħaġa aktar bdejt ngħid illi kieku din tkun opportunità ta' darba fejn inkun nista' nisfrutta l-kapaċitajiet tiegħi u nagħmel użu minn dak kollu li tgħallimt u dak kollu li ħdimt għalih.

B'hekk iddeċidejt li napplika, iżda l-inqas ħaġa li kont qed nistenna fir-realtà kienet l-aħbar li ntgħażilt biex nitla' l-Lussemburgu. Ikolli nammetti li t-tluq minn Malta ma kienx xi wieħed faċli, iżda ladarba dħalt fl-atmosfera tax-xogħol u sibt kollegi tax-xogħol li laqgħuni u li dejjem għenuni f'kulma kelli bżonn, insejt il-ħsibijiet negattivi kollha u bdejt ingawdi din l-esperjenza bl-aktar mod pożittiv.

Kelli l-opportunità li nagħmel traduzzjonijiet fuq diversi suġġetti, li minnhom tgħallimt ħafna għaliex kelli ċ-ċans inwessa' l-kapaċitajiet tiegħi li, sa qabel ma ġejt hawn, kienu limitati għat-traduzzjonijiet li kont nagħmel l-Università. L-ambjent tax-xogħol kien wieħed mill-isbaħ, fejn tiltaqa' ma' ħafna nies ġodda b'kulturi u drawwiet differenti. Fl-ewwel ftit jiem ġejna mħarrġa fl-użu tal-għodod tat-traduzzjoni, bħat-*Tradesk* u t-*Translator's Workbench*, kif ukoll fl-użu ta' riżorsi bħall-*Euramis*, il-*Quest*, il-*IATE* u l-*Eur-Lex* li, minkejja li mal-ewwel daqqa t'għajn ftit minnhom forsi jidhru daqsxejn ikkumplikati, wieħed malajr jinduna kemm fil-verità huwa faċli biex tużahom u kemm iħaffu x-xogħol u jgħinu biex tinżamm il-konformità fit-terminoloġija.

Barra minn hekk, mal-grupp tal-apprendisti kellna diversi attivitajiet interessanti, fosthom żjarat fi Brussell kif ukoll opportunità li nsegwu seduta fil-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Lussemburgu huwa post kwiet u mill-isbaħ, u wieħed mill-ikbar vantaġġi tiegħu huwa li f'inqas minn siegħa bil-ferrovija tasal Franza,


Karen Aquilina, Nadia Galea, Graziella Bonnici Ritratt: Nicky Farrugia

il-Belġju jew il-Ġermanja! Nixtieq inħeġġeġ lil kull min hu interessat li jaħdem f'dan il-qasam biex japplika għal dawn l-apprendistati. Tħallux il-biżgħat jirkbukom, għaliex nista' nassigurakom li hija esperjenza li tagħtik sodisfazzjon kbir u li titgħallem ħafna minnha. Nawgura lil dawk kollha li japplikaw xi darba jew li oħra jmisshom huma wkoll.

• • •

**Karen Aquilina**

L-uniċi kelmiet li jistgħu jiġuni f'moħħi biex niddeskrivi dan il-perjodu ta' ħames xhur fil-Lussemburgu huma biss "esperjenza sabiħa u indimentikabbli". Qed ngħid hekk mhux biss mill-aspett professjonali iżda wkoll minn dak soċjali.

Ftit jiem wara li wasalt il-Lussemburgu sirna nafu lill-parteċipanti stagiaires l-oħra fil-grupp tagħna. Awtomatikament bdejna nitħalltu u naqsmu l-opinjonijiet tagħna, u kien mill-bidu nett li bdejt ninnota l-baħar jaqsam li hemm bejn il-kultura u l-mentalità tagħna l-Maltin u dik tal-barranin. Mill-banda l-oħra nista' ngħid li l-Maltin tal-Lussemburgu laqgħuni bi ħġarhom u kienu ta' għajnuna kbira kemm waqt il-ħin tax-xogħol kif ukoll waqt il-ħin tad-divertiment.

L-iskop ewlieni ta' din l-esperjenza kien li npoġġi t-tagħlim tiegħi mill-Università fil-qasam tat-traduzzjoni fil-prattika u ntejjeb il-kapaċitajiet tiegħi bħala traduttriċi. Sinċerament inħoss li dan l-iskop intlaħaq, iżda aktar minn hekk tgħallimt nuża aħjar l-għodda meħtieġa għat-traduzzjoni. Jien u naħdem mill-qrib mal-kollegi tal-unità tiegħi ksibt mingħandhom informazzjoni utli ħafna dwar it-traduzzjoni, li nqis bħala wieħed mill-akkwisti vantaġġjużi ta' din l-esperjenza.

Ma jiddispjaċini xejn li għamilt dan il-pass biex niġi nagħmel dan l-istage. Għalkemm kien hemm l-iżvantaġġ li kelli nħalli lill-familja u l-ħbieb warajja Malta, hemm ħafna affarijiet pożittivi li akkwistajt minn din l-esperjenza. Filwaqt li nirringrazzja lill-kollegi u lill-ħbieb kollha taż-żmien sabiħ li qattajt mad-DĠT, nispera li fil-futur qarib terġa' tiġini l-opportunità li nerġa' niġi nżurkom.

~ • ~

**Il-ponot f'wiċċ il-Malti**
John Zammit

Dan l-aħħar kelli l-okkażjoni nitkellem fiċ-ċerimonja tal-għoti taċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti u taċ-Ċertifikat fil-Malti bħala Lingwa Barranija, li saret l-Università ta' Malta. Kienet għalija okkażjoni biex nifraħ ma' dawk li studjaw u tħabtu biex ġew ċertifikati bħala qarrejja tal-provi bil-Malti u mal-barranin li tgħallmu l-Malti.

Il-korsijiet li għamlu huma żvilupp riċenti fl-ilsien Malti. Il-Malti għaddej minn ħafna li hu tajjeb. Illum għandna Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li twaqqaf b'liġi seba' snin ilu u li qed jirsisti biex jagħmel passi li messhom ilhom li saru. Hu Kunsill li għandu awtorità bħala istituzzjoni tal-Istat; Kunsill li l-ħeġġa ta' ħafna għall-Malti qed jiġborha fejn tista' tagħmel aktar ġid. Għandna Awtorità tax-Xandir li taħdem f'qasam kruċjali biex tħeġġeġ u twissi lil dawk li jaħdmu fix-xandir ħalli jtejbu l-mod kif jitkellmu bil-Malti, li fil-każ tax-xandara jinfluwenza lil ħafna nies, l-aktar liż-żgħar. Għadna kif fakkarna 20 sena ta' liberalizzazzjoni tax-xandir bir-radju u t-

televiżjoni – 20 sena li stabbilew il-predominanza tal-Malti bħala l-ilsien ħaj li kważi l-Maltin kollha jużaw biex jikkomunikaw u jiksbu l-informazzjoni bil-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa.

Illum il-ġurnata qed ingawdu l-frott tal-għarfien li tat l-Unjoni Ewropea lill-ilsien Malti bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali tagħha. Kuljum, tradutturi u interpreti qed jaqilbu kitbiet u diskorsi għall-Malti u mill-Malti. Hemm saħansitra tradutturi barranin li tgħallmu l-Malti. Fl-istess ħin, hawn kuxjenza ħafna akbar fost il-Maltin – u anke fost il-barranin li joqogħdu Malta – favur il-Malti bħala lsien ta' prestiġju b'mod magħruf u ċar kif jinkiteb. F'Malta llum għandna kumpaniji barranin – insemmi bħala xempji lill-HSBC u lill-Arriva – li qed jagħtu lilna l-Maltin eżempju bil-Malti tajjeb li jużaw u bir-reklami tagħhom bil-Malti.

Id-dibattitu ħaj u Mediterranju li kultant ikollna dwar il-Malti juri li l-Maltin lill-Malti jħobbuh. U mhux biss dawk li joqogħdu fil-gżejjer Maltin. Dan l-aħħar żort l-Awstralja, u hemm ukoll rajt ħeġġa fost l-emigranti biex jaraw il-Malti jiżviluppa. Rajt Awstraljani ta' nisel Malti li trabbew jitkellmu bl-Ingliż imma li issa bdew jitgħallmu l-Malti għax jixtiequ jitkellmuh sewwa.

Għandna letteratura ħierġa bil-Malti f'ħafna oqsma. Għandna mijiet ta' pubblikazzjonijiet bil-Malti kull sena li qed jirnexxu minkejja l-popolazzjoni żgħira tagħna, għax il-Maltin iriduhom u jixtruhom. Il-Fiera tal-Ktieb hi xhieda ċara ta' dan. Għandna numru sabiħ ta' studenti li jagħżlu li jistudjaw il-Malti fil-livell avvanzat.

Fl-aħħar seba' snin dawn żdiedu sew. Seba' snin ilu, l-istudenti li kienu għażlu l-Ingliż fil-livell avvanzat kienu d-doppju ta' dawk li kienu għażlu l-Malti, li kien daqs it-Taljan. Fl-2010, l-istudenti li għażlu l-Malti u l-Ingliż fil-livell avvanzat kienu ndaqs, it-tnejn id-doppju tat-Taljan.

Dawn huma sinjali ta' lsien ħaj u enerġetiku – ngħid jien, ilsien żagħżugħ li, bħal kulħadd, fi żmien l-iżvilupp jiżgarra xi darba jew aktar, titlagħlu xi ponta f'wiċċu, u forsi l-enerġija tiegħu ma jużahiex bl-aħjar mod. Għandu koċċ ponot il-Malti; u bħaż-żgħażagħ aħna u nħarsu fil-mera kultant narawhom akbar milli fil-fatt huma u nqisuhom għalihom waħedhom bla kuntest.

Imma nsemmuhom, għax irridu nfejjquhom:

- Malti mhux tajjeb fix-xandir li jdarri lin-nies jitkellmu b'Malti ħażin;
- il-lingwaġġ kumplikat tal-ġurnalisti li donnhom jippruvaw jitkellmu stramb ħalli n-nies jaħsbu li huma għorrief;
- il-pubblikazzjonijiet ta' kull xorta – tal-awtoritajiet, tal-partiti, tad-ditti, tal-għaqdiet – b'Malti li jista' jkun ferm aħjar;
- il-Malti tekniku li n-nies ma jifhmuhx, speċjalment f'oqsma importanti għall-ħajja anke personali;
- ir-reżistenza li niktbu messaġġi u emails bil-Malti lin-nies li meta niltaqgħu magħhom nitkellmu magħhom bil-Malti;
- il-binja ħażina tas-sentenzi speċjalment meta nittraduċu minn lingwi oħrajn;
- in-nuqqas ta' siti bil-Malti fuq l-internet, fejn il-Malti jidher li għadu ma nifidx biżżejjed; u
- difetti oħrajn li nistgħu nsemmu, ewlieni fosthom il-fatt li ċerti suġġetti tqal jew għoljin naqilbu għall-Ingliż biex nitkellmu dwarhom.

Hemm x'nagħmlu biex infejqu dawn il-ponot, uħud imsiemer daqsxejn kbar. U jista' jkun li jeħtieġ immorru fil-fond tal-ħaġa, aktar milli nidilku xi ingwent superfiċjali. Forsi rridu nneħħu minn moħħna ideat – fil-fehma umli tiegħi żbaljati – li huma l-għerq ta' ċerti problemi li jbati minnhom il-Malti.

L-ewwel nett, jeħtieġ nifhmu li l-Malti, għax ilsien ħaj, jiżviluppa, u waqt li jagħmel dan jissellef kliem minn lingwi oħrajn u jintegrah fih. Dan hu żvilupp naturali. L-Ingliż, li llum

hu l-ilsien dinji, żviluppa sekli ilu bit-taħlit mal-Franċiż, li kien l-ilsien tal-klassi dominanti Ingliża. Hu importanti li l-Malti ma nżommuhx f'bozza jew nagħlquh f'kexxun, għax jimmoffa. Jeħtieġ nifhmu wkoll li ċerti żviluppi qed iseħħu anke f'lingwi oħrajn. Għalhekk, jeħtieġ li nifirdu dak li qed jiġri fil-lingwi kollha – l-aktar huma u jmissu mal-Ingliż – minn dak li qed jiġri speċifikament lill-Malti. Fil-qasam tax-xandir u l-ġurnaliżmu li naħdem fih, hemm bżonn taħriġ aktar u aqwa fil-Malti. Dawk li jkunu qed jagħmlu l-korsijiet tal-komunikazzjoni fl-Università, u issa anke fl-MCAST, għandu jkun mistenni minnhom Malti tajjeb fil-kitba u fit-taħdit. Ħafna drabi, id-djar tax-xandir qed ikollhom iħarrġu huma lill-impjegati tagħhom fil-Malti wara li l-istituzzjonijiet edukattivi jkunu naqsu milli jagħmlu dan.

Nemmen li l-akbar sfida li għandu l-Malti hi li jkun ilsien li n-nies jifhmuh, li jkun ilsien tassew demokratiku u inklużiv, li jintuża għal kull tema jew suġġett. Jeħtieġ li l-firxa l-aktar wiesgħa tal-Maltin jifhmu dak li jisimgħu u jaqraw fl-aħbarijiet bil-Malti, fit-traduzzjonijiet, fil-pubblikazzjonijiet, fir-reklami, fil-formoli, fl-avviżi, fil-lingwaġġ użat mill-awtoritajiet, mill-organizzazzjonijiet, u mill-esperti. Il-Malti bħala lsien imħaddem sewwa u li jinftiehem hu kruċjali wkoll fl-edukazzjoni. Hawn hu mhux biss ilsien imma wkoll għodda ta' inklużjoni. It-tfal li ġejjin minn livelli soċjali diġà żvantaġġjati jinxteħtu lura d-doppju imbagħad jekk fl-iskejjel jisimgħu Malti li ma jifhmuhx, jew saħansitra xi lingwa li għalihom hi barranija.

L-ilsna mhumiex f'kunflitt, anzi jirfdu lil xulxin. Ħafna minna studjajna l-Malti, l-Ingliż u t-Taljan jew il-Franċiż, u l-hena tagħna nħaddmuhom u nitkellmu bihom. Riċerka turi li t-tfal li jitgħallmu ilsna barranin minn mindu jkunu ċkejknin itejbu l-ħiliet tagħhom f'oqsma oħrajn. It-tagħlim tal-ilsna jiftaħ il-moħħ u jagħrax ix-xewqa li nsiru nafu aktar. Imma jkun nuqqas ta' ġustizzja soċjali jekk lit-tfal li diġà qegħdin fix-xifer tas-soċjetà tagħna nwarrbuhom fi skejjel fejn il-lingwa tat-tagħlim tkun lingwa li ma jifhmuhiex daqs dik li jitkellmu biha.
Biċċa xogħol oħra li jeħtieġ il-Malti hi li tkompli tissaħħaħ l-awtorità tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Fl-aħħar ftit snin il-Kunsill beda ħidmiet li messhom ilhom li saru għexieren ta' snin. Imma anke għal deċiżjonijiet li ma messhomx qalgħu għagħa, il-Kunsill iltaqa' ma' ħafna tfettiq. Il-kontroversja żejda hi bħad-diskussjoni nieqsa: estrem li jagħmel ħsara. Il-Kunsill tal-Malti għamel u jagħmel konsultazzjoni wiesgħa u fonda. Xi ħadd, imma, irid jiddeċiedi biex il-Malti jimxi 'l quddiem, ikun ilsien fil-qabda tal-kotra u jkompli jikseb il-prestiġju li jixraqlu. M'hawn imkien fejn ma jkunx hemm nuqqas ta' qbil, ħlief fiċ-ċimiterji. Ħafif tmaqdar; tqil tiddeċiedi. U wara d-deċiżjoni, il-mixja trid tkompli għal aktar deċiżjonijiet u ħidmiet li ilhom jistennew ħafna.

Aktar minn tfettiq żejjed, jeħtieġ nisbqu lilna nfusna fil-ħsieb kultant difensiv tagħna dwar il-Malti. Nitkellmu ħafna dwar il-'ħarsien' tal-Malti. Imma l-Malti rridu naraw ukoll kif se nseddquh, u mhux biss kif se nħarsuh. Il-Malti mhux esibit f'mużew; il-Malti hu żagħżugħ li qed jiżviluppa. Il-Malti mhux biss wirt tagħna l-Maltin imma, aktar minn hekk, hu wirt dinji. Kull ilsien li jmur lura hu telf għall-umanità u mhux biss għal dawk li jitkellmuh. Il-mużajk dinji tad-diversità lingwistika jiftaqar kull meta xi lingwa tiddgħajjef. Il-Malti hu wirt dinji imma r-responsabbiltà biex inseddquh taqa' tista' tgħid fuqna biss, l-400,000 ruħ marsusin fuq dawn il-gżejjer.

Flok nintilfu f'kontroversji bla bżonn, hemm ħafna x'nistgħu nagħmlu biex il-Malti jgawdi għada aqwa. X'se nagħmlu biex l-istudenti li l-aktar ikunu lura jsibuha eħfef jitgħallmu kull suġġett billi t-tagħlim jingħatalhom fi lsien u f'lingwaġġ li jifhmuh sewwa? Kif se jkunu qed jitgħallmu jitħaddtu tajjeb bil-Malti l-istudenti ta' oqsma bħall-ekonomija, ix-xjenza u l-

finanzi? Kif se nkunu qed nagħmlu l-Malti lsien li faċilment tużah biex titkellem fuq suġġetti tekniċi jew fuq temi ta' prestiġju?

It-tradutturi, l-interpreti, il-qarrejja tal-provi, in-nies tal-midja u dawk kollha li għalihom il-Malti huwa l-għodda ta' xogħolhom, għandhom il-missjoni li jseddqu dan il-wirt dinji li jagħti identità u sens ta' inklużjoni lill-Maltin kollha. Il-missjoni vera tagħhom hi s-sehem attiv fl-iżvilupp ta' dan l-ilsien li kiber magħna u li bih nimmarkaw l-aktar stadji importanti ta' ħajjitna f'komunjoni ma' ħaddieħor. Għax aħna nilħqu l-milja tagħna mhux waħedna imma ma' ħaddieħor, u dik il-milja nlewnuha bil-kliem li jfisser il-ħajja nnifisha: meta nsejħulha l-ewwel darba 'Ma', meta ngħidu lil xi ħadd 'inħobbok', meta nitolbu lil xi ħadd 'aħfirli' u tant kliem li bih naqsmu l-aktar emozzjonijiet u xewqat fondi tagħna ma' ħaddieħor.

Fil-ħajja, aktar importanti milli fejn inti hu fejn sejjer. Dan l-ilsien li kiber magħna miexi fid-direzzjoni t-tajba. Mhux għax irrid inkun ottimist ngħid hekk, imma għax hemm ħafna xhieda ta' dan. Tumbati, ħofor u liwi hemm ukoll. Imma hemm ħafna aktar frott x'naqtgħu aħna u mexjin fit-triq li qabad il-Malti bil-ħidma ta' ħafna nies fl-imgħoddi u issa.

*Is-Sur Zammit huwa l-Editur Politiku u Maniġerjali tal-Media.Link Communications*

~ • ~

**Bilingwiżmu u *code-switching* fost it-tfal Maltin fil-Lussemburgu**
Donna Azzopardi-Ferrando

Bejn Settembru 2010 u Marzu 2011, bħala parti mit-teżi tal-MA fil-Lingwistika Applikata, għamilt żewg studji fuq ix-xejriet u l-attitudnijiet lingwistiċi tal-komunità Maltija bbażata fil-Lussemburgu.

Iffukajt primarjament fuq l-għażliet lingwistiċi tat-tfal Maltin. Kelli l-interess nanalizza jekk it-tfal kinux għadhom jitkellmu bil-Malti regolarment jew jekk l-Ingliż kienx qed jiġi ppreferut minħabba s-sitwazzjoni multikulturali ġdida. Ridt nifhem jekk il-ġenituri Maltin kinux qed iħeġġu l-espożizzjoni u ż-żamma tal-ilsien Malti fid-dar.

Kelli l-perċezzjoni li kemm il-kuntest ġdid kif ukoll l-attitudnijiet tal-ġenituri lejn il-lingwa kienu jinfluwenzaw il-preferenzi tat-tfal. Matul dan l-istudju l-komunità Maltija fil-Lussemburgu kienet tikkonsisti f'madwar 200 ċittadin Malti, inklużi 30 familja li minnhom 15 biss kienu eliġibbli peress li t-tfal fi ħdanhom laħqu l-età tad-diskors.

L-ewwel studju kien jikkonsisti fl-għoti ta' kwestjonarju li kellu jimtela mill-15-il familja, li bejniethom kellhom total ta' 23 tifel u tifla bejn l-età ta' 4 u 18-il sena. Il-mistoqsijiet koprew id-demografija tal-ġenituri, is-sena li fiha waslu l-Lussemburgu, l-isfond lingwistiku tal-ġenituri kif definit minn Camilleri (1995) sabiex ikun iċċarat il-kuntest lingwistiku tagħhom, il-lingwa materna tat-tfal, b'liema lingwa jkellmu lit-tfal tagħhom, liema lingwa tintuża f'sitwazzjonijiet differenti, jekk it-tfal kinux jattendu lezzjonijiet tal-Malti fl-iskola Ewropea, liema lingwi huma meqjusa mill-ġenituri bħala prijorità, l-espożizzjoni u ż-żamma tal-lingwa Maltija u, finalment, l-attitudnijiet lejn il-*code-switching*.

It-tieni studju kien jinvolvi r-reġistrazzjoni ta' 5 konversazzjonijiet, f'ambjent familjari għal madwar siegħa. Għall-aktar naturalezza possibbli tal-konversazzjonijiet għaddejt ir-recorder lill-familji biex jitħallew waħedhom. Il-konversazzjonijiet involvew 5 nuklei familjari b'total ta' 15-il persuna li inkludew 7 ġenituri u 8 itfal ta' etajiet differenti. Wara t-traskrizzjoni tar-reġistrazzjonijiet stajt nanalizza l-preferenzi lingwistici tal-kelliema billi għaddejt in-numru ta' turns. Stajt nanalizza wkoll jekk il-familji kinux jagħmlu *code-switching* u l-frekwenza tiegħu.

**Riżultati prinċipali tal-istħarriġ**

- 60% tal-familji intervistati kien ilhom il-Lussemburgu minn 4 sa 5 snin, li jindika li perċentwal għoli kienu stabbiliti sew.
- Il-lingwa materna ta' 47% tal-ġenituri kienet il-Malti, filwaqt li għal 33 % kienet l-Ingliż. (Id-differenza fil-perċentwali tinkludi lil dawk li jitkellmu biż-żewġ lingwi)
- 46% kellhom is-sieħeb/is-sieħba, ir-raġel/il-mara li l-lingwa materna tagħhom kienet il-Malti filwaqt li għal 20% kienet l-Ingliż.
- Dawk il-ġenituri li l-lingwa materna tagħhom hija l-Malti jkellmu lil uliedhom bil-Malti, bl-istess mod li dawk il-ġenituri li l-lingwa materna tagħhom hija l-Ingliż ikellmuhom bl-Ingliż.
- Waqt li l-maġġoranza tal-ġenituri jużaw il-Malti f'ħafna ċirkostanzi, il-Malti jintuża l-aktar id-dar. Madankollu, il-ġenituri għandhom it-tendenza li jaqilbu għall-Ingliż meta jkellmu lil uliedhom. Minħabba f'hekk il-lingwa predominanti użata mill-familji Maltin fil-Lussemburgu hija l-Ingliż.
- Waqt li 53% jistqarru li huwa "importanti ħafna" li wliedhom ikunu jafu l-lingwa Maltija, il-maġġoranza tal-ġenituri jemmnu li wliedhom għandhom jagħtu prijorità lill-Ingliż, lill-Franċiż u mbagħad lill-Malti.
- 74% tat-tfal jattendu għal-lezzjonijiet tal-Malti.
- 67% tal-ġenituri jaqblu li l-kapaċità ta' wliedhom li jitkellmu bil-Malti naqset.
- 61% tal-ġenituri qalu li wliedhom huma "kultant" esposti għal-lingwa Maltija.



- Il-lingwa prinċipali tal-komunikazzjoni tal-maġġoranza tat-tfal hija l-Ingliż, u fil-fatt 65% jippreferu jwieġbu bl-Ingliż milli bil-Malti.
- 54% tal-ġenituri jaqblu li l-*code-switching* ta' wliedhom naqas minn mindu waslu l-Lussemburgu.

**Ir-riżultati prinċipali tar-reġistrazzjonijiet**

Il-maġġoranza tal-ġenituri jkellmu lil xulxin bil-Malti u jagħmlu sforz konxju biex jesponu lil uliedhom għall-Malti. Madankollu, jaqilbu għall-Ingliż regolarment sabiex ikunu ċerti li wliedhom ikunu fehmu x'qed jgħidulhom jew sabiex iweġbuhom lura. Mit-tmint itfal li pparteċipaw f'dawn ir-reġistrazzjonijiet:

- 3 itfal (età ta' 12, 10 u 7) ma jużawx il-Malti meta jitkellmu.
- 2 itfal (età ta' 15 u 6) jużaw aktar il-Malti milli l-Ingliż.
- 6 itfal jippreferu jitkellmu bl-Ingliż.

Fost l-aħħar sitta, kien hemm ammont konsiderevoli ta' switches mhux stimulati għall-Malti, li jindika li dawn it-tfal f'livelli differenti jużaw il-Malti b'mod naturali. L-iżgħar parteċipant, ta' 6 snin, kien l-uniku kelliem fir-reġistrazzjonijiet li uża ammonti ugwali ta' switches miż-żewġ lingwi. Essenzjalment, iktar ma l-ulied ikunu bilingwi, iktar iseħħ *code-switching*.

**Konklużjoni**

Fuq il-bażi tar-riżultati misluta mir-riċerka, il-maġġoranza tat-tfal jużaw l-Ingliż biex jikkomunikaw u jintegraw mal-ħbieb barranin u Maltin tagħhom. Skont ir-riċerka huwa probabbli wkoll li dawn it-tfal se jkomplu jużaw il-Malti anqas u anqas minħabba l-kuntest li jinsabu fih kif ukoll il-bżonnijiet attwali u futuri tagħhom. Wieħed għadu jrid jara jekk din it-tendenza hix se tiżdied hekk kif il-komunità Maltija tkompli tikber.

*Donna Azzopardi-Ferrando hi Assistenta amministrattiva mal-Kummissjoni Ewropea*

**Żieda fil-varjetà tal-*Kullana Kulturali* bil-volum *Il-Varjetajiet tal-Malti***
Paul Zahra

*Il-Varjetajiet tal-Malti*, li hu s-77 ktieb fil-*Kullana Kulturali*, għadu kif issieħeb mal-kotba l-oħrajn li fis-sensiela jittrattaw il-lingwa Maltija. Fost dawn insibu: *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* (Nru 10) ta' Joseph Brincat, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870* (Nru 31) u *Kitbiet Oħra tas-Seklu Dsatax* (Nru 37) ta' Gużè Cassar Pullicino, *L-Istorja tal-Alfabett Malti* (Nru 62) ta' Marisa Farrugia u *Dizzjunarju tal-Kullana Kulturali* (Nru 73) ta' Charles Briffa.

F'*Il-Varjetajiet tal-Malti* l-Professur Charles Briffa rnexxielu jgħaqqad fi ktieb wieħed l-oqsma kollha li fihom ilu jaħdem bla heda għal dawn l-aħħar deċennji. F'din il-ħarġa tal-*Kullana Kulturali* li tagħha Briffa hu l-editur ġenerali, hu jittratta b'mod pragmatiku l-varjetajiet li jeżistu fil-Malti billi jħares lejhom kemm mil-lentijiet tal-lingwistika, il-letteratura u l-ġurnaliżmu kif ukoll minn dawk tat-traduzzjoni u t-terminoloġija.

Fl-ewwel tliet taqsimiet u fit-tliet appendiċijiet tal-ktieb, Briffa jagħmel dak li wieħed jista' jsejjaħlu studju antropoloġiku/etnografiku tal-użu tal-varjetajiet tal-kitba bil-Malti bħala rif-lessjoni tal-lingwa mitkellma fil-ħajja soċjali Maltija. Dan jagħmlu billi janalizza b'mod kemm dijakroniku kif ukoll sinkroniku t-tħaddim tar-reġistri tal-Malti f'kuntesti u perjodi differenti tal-kultura Maltija. L-istudju des-krittiv tiegħu hu bbażat fuq analiżi mifruxa tal-varjetajiet li nsibu fil-Gżejjer Maltin u lil hinn minnhom fejn il-Maltin jgħixu f'komunità f'pajjiżi barranin.

Fost dawn il-pajjiżi għall-ewwel darba, fi ktieb ta' din ix-xorta, qed jissemmew, fit-test kif ukoll fit-tielet appendiċi, il-komunitajiet Maltin fi Brussell u fil-Lussemburgu. Il-qofol tal-istudju ta' Briffa jirriżulta wkoll mill-osservazzjonijiet u l-kuntatti li kellu mal-erba' rkejjen ta' Malta u Għawdex matul iż-żmien li fih wettaq ir-riċerka estensiva tiegħu.




Permezz ta' lingwaġġ li jiftiehem faċilment, Briffa jagħmilha possibbli li anki l-qarrej li ma għandux għarfien sħiħ tat-termini lingwistiċi jkun jista' jifhem dak li qed jispjega fit-test tiegħu. Hu jiżgura dan billi kull terminu lin-gwistiku jingħatalu spjegazzjoni bejn parentesi li l-qarrej faċilment jista' jsegwiha. B'hekk dan tal-aħħar ikun jista' jixtarr bla diffikultà u ħela ta' ħin dak li jkun qed jiġi diskuss mill-kittieb.

Mingħajr dubju ta' xejn, *Il-Varjetajiet tal-Malti* għandu jservi bħala sors ta' riflessjoni għal min hu impenjat bit-traduzzjonijiet ta' tes-ti li spiss l-istil tagħhom ivarja minn wieħed għall-ieħor. Dan l-għan jintlaħaq b'suċċess minn Briffa permezz tal-eżempji li jagħti, jana-lizza u jiddiskuti. Bis-saħħa ta' din il-metodoloġija li faċilment tiġi segwita l-qarrej/ traduttur jasal jiddistingwi bejn id-diversi fo-rom ta' kitba jew stili ta' proża meħtieġa li kif jgħid Briffa stess ta' spiss jintużaw għal skopi-jiet partikulari.

Fir-raba' taqsima tal-ktieb Briffa jelabora b'mod espliċitu fuq it-traduzzjoni speċjalment dwar il-kunċett tal-ekwivalenza kemm fil-livell lessikali kif ukoll f'dak tal-frażi u tas-sentenza. Bl-eżempji li jagħtina, jirnexxilu joħroġ fid-dieher kemm l-ekwivalenza hi kunċett bażiku fl-istudju tat-traduzzjoni. Kunċett li t-traduttur irid jifhmu sew biex tassew jirnexxi f'xogħlu.

Fost aspetti oħrajn marbutin mal-varjetajiet lingwistiċi hemm spjegat ukoll fir-raba' taqsima l-użu newbi (alternat) li t-traduttur kontinwament ikollu jagħmel meta jħaddem l-aspett denotattiv jew konnotattiv ta' tifsir il-kliem. Niltaqgħu wkoll mal-fenomenu tal-espressjonijiet fissi missellfa mill-Ingliż bħal answering machine u air-freshener li ma jistgħux jiġu tradotti bil-Malti.

Id-diskussjoni dwar il-varjetajiet vis-à-vis it-traduzzjoni tissokta billi tagħti ħarsa wkoll lejn ir-rwol importanti li l-kultura għandha biex il-varjetajiet ikunu jistgħu jiġu tradotti kemm lejn il-Malti kif ukoll lejn l-Ingliż. Wara kollox it-traduzzjoni, kif jagħti x'jifhem l-awtur, hi wkoll eżerċizzju interkulturali. Għal din ir-raġuni, it-traduttur bħala medjatur bejn iż-żewġ kulturi jeħtieġlu joqgħod b'seba' għajnejn biex ma jispiċċax jiġġustifika l-għajdut Taljan u jirrendi lilu nnifsu traditur kulturali!

S'issa fil-Malti ftit sar xogħol dwar il-varjabbiltà li, bħal-lingwi l-oħrajn, tant hu mħawwar biha. Għal din ir-raġuni *Il-Varjetajiet tal-Malti* hu xogħol seminali li żgur se jservi bħala punt ta' referenza fi studji li għad iridu jsiru fil-Malti, speċjalment fl-oqsma tat-traduzzjoni u tat-terminoloġija. Għalhekk, min għandu għal qalbu t-traduzzjoni jiswielu ta' ġid li ma jitlifx l-opportunità li jaqra u fl-istess waqt jifli dan ix-xogħol bir-reqqa u jduq b'mod dirett it-taħwir kollu li joffrulna l-varjetajiet ta' lsien pajjiżna.

*Paul Zahra huwa traduttur fl-Unità Web tal-Kummissjoni Ewropea*

**Immanuel Mifsud intervistat fil-Fiera tal-Kotba tal-Lussemburgu**
Antoine Cassar

Bħala parti minn sensiela ta' żjarat fuq il-kontinent wara li ngħata l-Premju Letterarju tal-UE 2011, f'Marzu 2012, l-awtur Immanuel Mifsud ġie mistieden għal intervista pubblika fil-fiera tal-kotba tal-*Festival des Migrations*, fil-Lussemburgu.

Quddiem udjenza internazzjonali, Mifsud ġie ppreżentat mill-kittieb u ġurnalist lokali Jean Portante, rebbieħ riċenti tal-Premju Letterarju nazzjonali tal-Lussemburgu, u ġie intervistat bl-Ingliż minn Mark Vella. Dan l-inkontru ffoka fuq il-ktieb rebbieħ ta' Mifsud, *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* (Klabb Kotba Maltin), u b'mod speċjali fuq il-kwistjoni tal-ġeneru partikulari tiegħu – li jirkeb b'koerenza l-kategoriji tar-rumanz qasir, id-djarju u t-trattat psikoloġiku mingħajr ma jilqa' l-ebda wieħed





Tony Gaffiero jaqra silta minn *In the Name of the Father (and of the Son)*, traduzzjoni Ingliża tal-ktieb rebbieħ ta' Immanuel Mifsud, waqt l-intervista mal-awtur fil-librerija tad-DĠT, il-Lussemburgu.
Ritratt: Nicky Farrugia

minnhom bis-sħiħ –, kif ukoll fuq it-trattament personalissmu tal-politika Maltija ta' wara t-tieni gwerra dinjija.

Iż-żjara ta' Mifsud fil-Lussemburgu saret b'rabta mal-ewwel stand ta' kotba Maltin li qatt ittella' fis-*Salon du Livre* tal-Lussemburgu (Kirchberg LuxExpo, 16-18 ta' Marzu), bi sħab ma' Sierra Books Distributors. L-istand offra wirja mlewna ta' kotba dwar il-letteratura, l-istorja u l-kultura tal-gżejjer Maltin bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u b'ilsna oħra, u ġibed interess kontinwu mill-pubbliku tal-festival.

L-għada tal-intervista fil-festival tal-Lussemburgu, Mifsud kien mistieden fil-librerija tad-DĠT tal-Kummissjoni Ewropea għal taħdita informali, moderata mill-poeti u tradutturi Vera Pejovič u Antoine Cassar. Wara li nqraw siltiet mill-verżjonijiet bl-Ingliż u bil-Franċiż ta' *Fl-Isem tal-Missier* (ta' Albert Gatt u Nadja Mifsud, rispettivament) minn Tony Gaffiero u Isabelle Wampach, id-diskussjoni nqalbet fuq ġeneri oħra li ilu jfannad fihom Mifsud, fosthom il-poeżija (b'mod partikulari, l-aħħar ġabra bilingwi tiegħu *Bateau Noir*), it-traduzzjoni Maltija ta' ħrejjef mill-Ewropa tal-Lvant, u r-ritorn tant mistenni għall-palk tat-teatru bħala direttur.

Immanuel Mifsud twieled Malta fl-1967, iż-żgħir minn tmien aħwa, u trabba r-Raħal Ġdid. Ix-xogħlijiet tiegħu ġew ippubblikati f'xi ħmistax-il pajjiż fl-Ewropa u lil hinn minnha. Dan l-aħħar, siltiet mill-poeżiji tiegħu dehru fl-antoloġija *Les Poètes de la Méditerranée*, tad-dar editorjali Gallimard.

Iż-żjara ta' Immanuel Mifsud fil-Lussemburgu kienet appoġġata mill-Fond Malti għall-Arti.

*Antoine Cassar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea, poeta u attivist kulturali*

## Oliver Friggieri t-traduttur

*Ivan Said*



Ftit huma dawk li jaqblu miegħi li l-akbar u l-isħeħ kontribut li l-Professur Oliver Friggieri ta lill-ilsien Malti huwa l-istudji u r-riċerka kritiċi tiegħu tal-letteratura Maltija. B'ħidmietu sfiqa fir-riċerka tal-letteratura ta' pajjiżna, sejjes il-kritika letterarja Maltija moderna kif nafuha llum.

Dan ma jnaqqas xejn mill-mertu tax-xogħlijiet letterarji li kiteb. Għalhekk, hu f'dan il-kuntest li wieħed jista' japprezza s-sehem, żgħir iżda importanti, li hu ta lit-traduzzjoni ta' pajjiżna bil-qlib direttament mil-Latin għall-Malti tad-*De Arte Poetica* ta' Quintus Horatius Flaccus (65 QK – 8 QK), magħruf aħjar bħala Orazju. Din hi biċċa għodda siewja u bażika biex wieħed jibda jifhem il-kritika letterarja. Il-Professur Friggieri ħareġ din it-traduzzjoni għall-ewwel darba fi ktieb fl-1975 iżda reġa' ħariġha f'edizzjoni annotata estensivament fl-1988 wara li introduċa kors sħiħ tat-Teorija Letterarja għall-istudenti tal-Arti fl-Università ta' Malta.

Fl-introduzzjoni għall-edizzjoni tal-1988 il-Prof. Friggieri jispjega li "l-ħtieġa li dan it-test jerġa' jkun fl-idejn issieħbet mal-ħerqa tiegħi li nara li l-istudju akkademiku tal-Letteratura jinkludi bl-importanza kbira l-għarfien metodiku tal-prinċipji ewlenin li bosta minnhom huma ttrattati f'din l-epistula". Fl-istess daħla, hu jkompli jisħaq fuq l-importanza ta' tali għodda fl-istudju tal-kritika letterarja: "Minħabba li l-


Kull qalb tinsab ferħana, fuq kull naħa
qed tqum il-ħajja,
jasal ix-xogħol bħal dejjem
Ma' jħares il-ħaddiem lejn is-sema mxarrab,
bil-għodda f'idu, jgħanni,
jirref fil-bieb; b'tellieqa
toħroġ il-mara żgħira biex mill-ilma
tiġbor ta' l-ewwel xita;
u tal-ħaxix igedded
minn triq għal triq
il-għajta ta' kuljum.
Ara x-xemx illi tasal, ar'ha tidħak
fuq viel w għoljiet. Jiftħu l-gallariji
in-nies tad-dar u jiftħu l-bjut u l-loġoż;
mit-triq il-kbira, tisma' 'l hinn imbiegħed
żenżil ta' qniepen ckejkna; l-karru jdardam
tal-passiġġier li jaqbad it-triq tiegħu.
Kull qalb qiegħda tithenna.
Hekk ħelwa, hekk
Meta hi, bħal issa, l-ħajja?
Meta b'daqshekk imħabba
jidħol fuq dmiru l-bniedem?
Jew jerġa' f'xogħlu? w jaqbad biċċa ġdida?
Meta jiftakar inqas f'dak li jnikktu?
bin id-dbatija;
ferħ fieragħ li hu l-frotta
tal-biża' tal-imgħoddi,
u mill-mewt sar imwerwer
min ħien jobgħod il-ħajja;
fuq x'hiex f'tul ta' dbatija,
keshin, siktin u sofor,
in-nies għerqu u twerwru, waqt li lemħu
mdagħdin biex iwettqhuna
ir-riħ, ir-ragħad u l-beraq

L-istesura tat-traduzzjoni għall-Malti tal-poeżija ta' Leopardi *La quiete dopo la tempesta.*

epistula famuża, miktuba fl-aħħar snin ta' Orazju aktarx bejn it-12 QK u t-8 QK, hi trattat importanti ħafna fil-qasam tal-kritika klassika (il-muftieħ għall-għarfien xjentifiku tal-biċċa l-kbira tal-Letteratura ta' Malta miktuba bit-Taljan u bil-Malti), nittama li t-traduzzjoni ġġib għarfien aħjar tal-prinċipji qodma ewlenin, li għadhom attwali f'bosta sensi u li huma s-sisien tal-estetika kontemporanja stess"[1].

Ix-xogħol ewlieni ta' Orazju ma kienx l-unika biċċa xogħol klassika li l-Prof. Friggieri qaleb għall-Malti: fl-1990 qaleb u ppubblika t-traġedja klassika ta' Ewripide, Medea, u anke ta' Sofokle, Tliet Traġedji ta' Sofokle u Ewripide.

Qaleb għall-Malti wkoll xi xogħlijiet teatrali, fosthom *Il-Ħanut tal-Arġentier* ta' Karol Wojtyła (ippubblikat fl-1981), *Majakovskij* – Dramm fi tmien atti ta' Kostas Valetas (1988) u *Ratsin* – Dramm f'ħames xeni ta' Boris Vishinski (1990). Fost in-narrativa li qaleb għall-Malti nsibu *Għajn ix-Xemx* ta' Francis Ebejer (1971), *Ħrejjef għat-Tfal* ta' Grimm u Andersen (1974), *Jum Sabiħ tar-Rebbiegħa* ta' Ciril Kosmac (1981), Leħen bil-lejl u Valanga ta' Boris Vishinski (1985), *Għanja Qadima* u *l-Ħalliel tal-Katavri* ta' Robert Louis Stevenson (1986) u *L-Għarusa Kienet mill-Isbaħ* ta' Lauretto Enzo (1991)[2].

Imwieled il-Furjana fis-sena 1947, il-Prof. Friggieri huwa l-awtur ta' numru kbir ta' kotba ta' diversi ġeneri, maħruġa f'Malta kif ukoll f'diversi pajjiżi barranin. Fl-1975, ħa l-MA fil-Letteratura Maltija mill-Università ta' Malta bit-teżi *La cultura italiana a Malta: storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*. Fl-1978 ħa l-Ph.D. bit-teżi ta' kritika komparata *La cultura italiana del Romanticismo e la poesia maltese*. It-tnejn ħarġu bħala volumi fl-Italja.

Uħud mix-xogħlijiet letterarji tiegħu nqalbu għall-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, il-Maċedonu, is-Sloven, is-Serbo-Kroat, il-Grieg, ir-Rumen, l-Għarbi, il-Bengali u l-Urdu. L-istudji tiegħu, bl-Ingliż u bit-Taljan, dehru f'għadd ta' rivisti akkademiċi fid-dinja[3].

Meta kont qed nikteb dan l-artiklu, ħabibi Toni Cortis tani kopja tal-isteżura tat-traduzzjoni, mit-Taljan għall-Malti, tal-poeżija ta' Giacomo Leopardi *La quiete dopo la tempesta – Il-bnazzi wara l-maltemp* tal-Prof. Friggieri. Fiha naraw il-kummenti u t-tibdiliet li huwa għamel għat-traduzzjoni tiegħu stess. Ma rnexxilix insib il-verżjoni finali u ppubblikata – aktarx din it-traduzzjoni dehret bejn l-aħħar tas-snin 80 u l-ewwel nofs tas-snin 90 f'*In-Nazzjon* jew f'*Il-Mument*. Jidher li l-awtur m'għandux kopja tagħha ppubblikata. Jien s'issa ma stajtx insibha. Hawn xi ħadd mill-qarrejja li raha stampata jew jaf fejn nista' nsib il-verżjoni ppubblikata?

*Is-Sur Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

[1] Oliver Friggieri, "*De Arte Poetica* ta' Orazju, traduzzjoni mil-Latin" (Malta, Ħaż-Żebbuġ: Toni Cortis Publication, 1988), l-Introduzzjoni.

[2] Ludvic Azzopardi, "Biblijografija magħżula ta' traduzzjoni 1752-1994", teżi tal-BA (Bl-Unuri) tal-Malti, 1997.

[3] Michael J. Schiavone, ed., 'Friggieri, Oliver', *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. I A-FZ (Malta: PIN, 2009), 1327

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna

***Koedituri***: *Alessandro Mangion, Louise Vella, Antoine Cassar*

***Editur tal-istil***: *Lorna Saliba*

***Distribuzzjoni***: *Maryann Agius*

***Impaġnar***: *Chris Galea u Alan Delia*

***Qari tal-provi***: *Mark A. Vella, Angela Debono, Jennifer De Barro*

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*